Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 9 ta' Diċembru 2021**
**(OR. en)**

**14205/21**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0411(COD)**

**IXIM 260**
**ENFOPOL 460**
**JAI 1279**
**CODEC 1519**
**COMIX 576**
**IA 202**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 9 ta' Diċembru 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 782 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 782 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 782 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.12.2021
COM(2021) 782 final

2021/0411 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI

{SEC(2021) 420 final} - {SWD(2021) 374 final} - {SWD(2021) 377 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

**• Kuntest ġenerali**

Kif stabbilit fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà[1], l-aġenda l-ġdida kontra t-terroriżmu għall-UE[2] u l-Istrateġija tal-UE biex tiġi indirizzata l-Kriminalità Organizzata 2021-2025[3], it-theddid tranżnazzjonali jitlob rispons ikkoordinat, aktar immirat u adattat. Filwaqt li l-awtoritajiet nazzjonali li joperaw fuq il-post huma fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni u s-sħubijiet globali huma ta' importanza kbira biex jiżguraw kooperazzjoni effettiva, kif ukoll skambju ta' informazzjoni u għarfien fost l-awtoritajiet nazzjonali, appoġġati minn qafas komuni tal-liġi kriminali u mezzi finanzjarji effettivi. Barra minn hekk, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu huma emblematiċi tar-rabta bejn is-sigurtà interna u esterna. Dan it-theddid jinfirex lil hinn mill-fruntieri u jimmanifesta ruħu fi gruppi kriminali organizzati u terroristiċi li jinvolvu ruħhom f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet kriminali.

F'żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni ("iż-żona Schengen"[4]), l-uffiċjali tal-pulizija fi Stat Membru wieħed jenħtieġ li jkollhom aċċess ekwivalenti għall-informazzjoni disponibbli għall-kollegi tagħhom fi Stat Membru ieħor (soġġett għall-istess kundizzjonijiet). Jenħtieġ li dawn jikkooperaw b'mod effettiv u awtomatiku madwar l-Unjoni. B'hekk, l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet kriminali huwa fattur determinanti għas-salvagwardja tas-sigurtà fiż-żona Schengen.

Flimkien mal-abolizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni fiż-żona Schengen, intlaħaq qbil fuq sett ta' regoli għall-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni tal-pulizija fil-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen (KIFS). Barra minn hekk, ġiet stabbilita s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), li ħolqot bażi tad-*data* komuni tal-UE dwar is-sigurtà u l-fruntieri, li fiha informazzjoni dwar persuni u oġġetti mfittxija u neqsin fil-forom ta' twissijiet.

Skont il-valutazzjoni mill-UE tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-2021 (EU SOCTA), aktar minn 70 % tal-gruppi tal-kriminalità organizzata huma preżenti f'aktar minn tliet Stati Membri[5]. L-EU SOCTA tal-2021 u r-Rapport Ewropew dwar id-Drogi tal-EMCDDA[6] jiddeskrivu għadd ta' oqsma fejn il-kriminalità serja u organizzata tidher li qed tiżdied. Fl-istess ħin, kif stabbilit fl-Aġenda Kontra t-Terroriżmu ta' Diċembru 2020[7], l-UE għadha fuq allert ta' terroriżmu għoli.

---

1 COM(2020) 605 final.

2 COM(2020) 795 final.

3 COM(2021) 170 final.

4 Iż-żona Schengen hija magħmula mill-Awstrija, il-Belġju, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Iżlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Liechtenstein, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja u l-Iżvizzera.

5 L-Europol (2021), *Valutazzjoni mill-Unjoni Ewropea tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (EU SOCTA).*

6 Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), *Ir-Rapport Ewropew dwar id-Drogi tal-2021.*

7 COM(2020) 795 final.

Iż-żona Schengen hija l-akbar żona ta' vjaġġar liberu fid-dinja. Hija tagħmilha possibbli għal aktar minn 420 miljun persuna li jiċċaqalqu liberament u li l-oġġetti u s-servizzi jiċċaqalqu mingħajr xkiel. Bit-tneħħija tal-kontrolli fuq il-fruntieri bejn l-Istati Membri, iż-żona Schengen saret parti mill-istil ta' ħajja Ewropew tagħna. Hija simbolu tal-interkonnettività tal-Ewropa u tar-rabtiet bejn iċ-ċittadini Ewropej[8]. Iż-żona Schengen tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-Suq Uniku, u b'hekk għat-tkabbir tal-ekonomija tal-Unjoni[9].

Madankollu, il-mobilità dejjem tikber tal-persuni fl-UE toħloq ukoll sfidi addizzjonali fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-theddid kriminali, u fl-iżgurar tas-sikurezza pubblika. Kważi 2 miljun persuna qasmu l-fruntieri, inklużi 1.3 miljun ħaddiem transfruntier[10]. Minkejja li l-pandemija tal-COVID-19 naqqset il-mobilità intra-UE, il-flussi tan-nies x'aktarx li se jkomplu jkunu importanti fil-ġejjieni.

F'dawn l-aħħar snin, iż-żona Schengen ġiet ripetutament ittestjata minn serje ta' kriżijiet u sfidi li wasslu lil diversi Stati Membri biex jerġgħu jintroduċu kontrolli fil-fruntieri interni. Raġuni waħda li taw l-Istati Membri għal tali deċiżjoni kienet il-movimenti sekondarji mhux ikkontrollati[11] ta' migranti irregolari, li dawn l-Istati Membri jqisu li huma ta' theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna, li jiġġustifikaw il-ħtieġa li jerġgħu jiddaħħlu kontrolli fuq il-fruntieri. Skont ir-Regolament (UE) 2016/399[12] ("il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen"), l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli fuq il-fruntieri tista' tintuża biss għal perjodu ta' żmien limitat, f'ċirkostanzi eċċezzjonali (bħall-kriżi migratorja osservata fl-2015/2016), bħala miżura aħħarija. B'mod partikolari, hemm lok għal titjib fir-rigward tal-użu tal-kontrolli u l-kooperazzjoni tal-pulizija, inkluż naturalment fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni u l-komunikazzjoni. Dawn il-miżuri, b'mod partikolari jekk jiġu kkombinati, għandhom il-potenzjal li jagħtu l-istess riżultati fil-kontroll ta' movimenti sekondarji bħall-kontrolli temporanji fil-fruntieri interni, u huma inqas intrużivi meta niġu għall-moviment liberu ta' persuni, oġġetti u servizzi.

Ix-xenarju kriminali li qed jevolvi malajr u l-mobilità tan-nies jissuġġerixxu li l-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-UE u fiż-żona Schengen hija kruċjali biex jiġu indirizzati r-reati kriminali, u sabiex iċ-ċittadini u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jibqgħu legalment fit-territorju biex jużaw b'mod sikur il-moviment liberu tagħhom. Madankollu, għad fadal sfidi importanti għall-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jiskambjaw informazzjoni mal-kontropartijiet tagħhom fi Stati Membri oħrajn b'mod effettiv u effiċjenti. Din il-kapaċità għadha tvarja ħafna fost l-Istati Membri, filwaqt li tenfasizza grad ta' frammentazzjoni li huwa ta' detriment għall-effettività u l-effiċjenza tal-iskambju ta' informazzjoni. B'riżultat ta' dan, il-kriminali u l-gruppi ta' kriminali jkomplu jieħdu vantaġġ minn dawn l-ineffiċjenzi biex joperaw bejn il-fruntieri, u l-movimenti sekondarji ta' migranti irregolari se jkomplu joħolqu problema.

**• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha**

L-objettiv ġenerali ta' din il-proposta huwa li tilleġiżla dwar aspetti organizzattivi u proċedurali tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-UE bl-għan li tikkontribwixxi għall-iskambju effettiv u effiċjenti ta' tali informazzjoni, u b'hekk

---

[8] L-Ewrobarometru 474: *Iż-Żona Schengen*.

[9] COM(2021) 277 final, 2.6.2021.

[10] Il-Kummissjoni Ewropea (2017), *Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE*.

[11] Raġunijiet oħrajn l-aktar frekwenti nnotifikati mill-Istati Membri kienu jinkludu l-kriżi migratorja tal-2015/2016, it-theddida terroristika persistenti u l-pandemija tal-COVID-19.

[12] Ir-Regolament (UE) 2016/399 (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen).

tipproteġi żona Schengen li tiffunzjona bis-sħiħ u reżiljenti. Il-proposta hija (notevolment) mingħajr preġudizzju għar-regoli li jirregolaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar allerti fis-SIS permezz tal-Uffiċċji SIRENE (Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali).

Din il-proposta għal *Direttiva dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri* tifforma parti minn pakkett koerenti li jinkludi wkoll proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li ssaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera operazzjonali tal-pulizija, proposta għal Regolament li jirrevedi l-Mekkaniżmu Awtomatizzat għall-Iskambju ta' *Data* għall-Kooperazzjoni tal-Pulizija ("Prüm II"), kif ukoll proposta li temenda l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2021 "*Strateġija lejn żona Schengen li tiffunzjona bis-sħiħ u reżiljenti*"[13]. Flimkien, dawn il-proposti jfittxu li jistabbilixxu Kodiċi ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija bl-għan li jissimplifikaw, itejbu, jiżviluppaw, jimmodernizzaw u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bejn l-aġenziji nazzjonali rilevanti, u b'hekk jappoġġaw lill-Istati Membri fil-ġlieda tagħhom kontra l-kriminalità serja u organizzata u t-terroriżmu.

Filwaqt li tqis bis-sħiħ l-opinjoni espressa mill-koleġiżlatur, din il-proposta hija bbażata fuq is-sejbiet ippreżentati fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanjaha. Dawn is-sejbiet ikopru wkoll informazzjoni, analiżijiet u rakkomandazzjonijiet li joħorġu mill-evalwazzjonijiet ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija mwettqa f'dawn l-aħħar sitt snin, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-triq 'il quddiem għall-allinjament tal-*acquis* tat-tielet pilastru preċedenti mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*[14], il-konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dawn l-aħħar sentejn, u l-korp importanti ta' dokumenti ta' gwida tal-Kunsill żviluppati għal dawn l-aħħar 15-il sena. Abbażi ta' din l-analiżi kkombinata, ġew identifikati tliet objettivi ewlenin. Din il-proposta tfittex li tilħaqhom billi tindirizza tliet problemi sottostanti.

(1) Nuqqas ta' regoli komuni ċari u robusti dwar l-iskambju ta' informazzjoni

**L-ewwel objettiv ta' din il-proposta huwa li tiżgura**, taħt regoli preċiżi, konsistenti u komuni, **l-aċċess ekwivalenti għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' kwalunkwe Stat Membru għall-informazzjoni disponibbli fi Stati Membri oħrajn** għall-fini tal-prevenzjoni u s-sejbien ta' reati kriminali, it-twettiq ta' investigazzjonijiet kriminali jew operazzjonijiet kriminali, **filwaqt li jkun hemm konformità mad-drittijiet fundamentali, inklużi r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data*.**

L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ('Law Enforcement Authorities' - LEAs) tal-Istati Membri huma involuti fi skambji ta' informazzjoni transfruntiera ta' kuljum relatati ma' operazzjonijiet kontra reati kriminali. **Madankollu, ir-regoli fil-livell nazzjonali jimpedixxu l-fluss effettiv u effiċjenti tal-informazzjoni**. Ir-regoli ġenerali għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi li għandha rilevanza transfruntiera fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri huma stipulati fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Deċiżjoni Kwadru Żvediża" jew "SFD"[15]), adottata fl-2006 qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lizbona. Id-Deċiżjoni Kwadru Żvediża ssostitwiet parzjalment il-

[13] COM(2021) 277 final, 2.6.2021.
[14] COM(2020) 262 final, 24.6.2020.
[15] ĠU L 386, 29.12.2006, p. 89–100.

Kapitolu dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija tal-Konvenzjoni tal-1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen[16].

Id-Deċiżjoni Kwadru Żvediża tistabbilixxi l-**prinċipji** li skonthom jenħtieġ li tiġi kondiviża l-informazzjoni (il-prinċipji ta' disponibbiltà u aċċess ekwivalenti), il-**perjodu ta' żmien** li fih jenħtieġ li tiġi mwieġba talba għall-informazzjoni, il-**formoli** li jenħtieġ li jintużaw biex jiġu ppreżentati u mwieġba tali talbiet, kif ukoll is-**salvagwardji** tal-protezzjoni tad-*data* li għandhom jiġu żgurati meta tiġi ttrattata din l-informazzjoni.

Madankollu, fil-prattika, id-Deċiżjoni Kwadru Żvediża tal-2006 ma hijiex ċara, u b'hekk qed tfixkel l-implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipji ta' disponibbiltà/aċċess ekwivalenti tal-informazzjoni rilevanti f'kuntest transfruntier[17]. B'konsegwenza ta' dan, ir-regoli fil-livell nazzjonali jkomplu jimpedixxu l-fluss ta' informazzjoni minkejja l-isforzi li saru biex jikkomplementaw ir-rekwiżiti tad-Deċiżjoni Kwadru Żvediża permezz ta' gwida mhux vinkolanti tal-Kunsill[18]. Konsegwentement, l-inċertezzi attwali jibqgħu u jkomplu jaffettwaw b'mod negattiv il-kondiviżjoni effettiva u effiċjenti tal-informazzjoni, biex b'hekk l-impatti fl-evoluzzjoni tax-xenarju tas-sigurtà tal-UE u fiż-żieda fil-mobilità transfruntiera jibqgħu essenzjalment mhux indirizzati.

Għal din ir-raġuni, l-istabbiliment ta' qafas legali permezz ta' Direttiva għal dawn il-finijiet se jippermetti monitoraġġ u infurzar aħjar tar-regoli fil-livelli tal-UE u nazzjonali, filwaqt li tiġi żgurata konverġenza tal-prattiki nazzjonali, u b'hekk jittejbu l-effettività u l-effiċjenza tal-flussi ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri.

(2) Nuqqas ta' strutturi komuni u għodod ta' ġestjoni effiċjenti għall-iskambju tal-informazzjoni

**It-tieni objettiv ta' din il-proposta għal Direttiva huwa li jiġu approssimati l-istandards minimi komuni bil-ħsieb li jiġi żgurat funzjonament effiċjenti u effettiv tal-Punti Uniċi ta' Kuntatt.** Dawn ir-rekwiżiti minimi komuni jkopru l-kompożizzjoni, l-istrutturi, ir-responsabbiltajiet, il-persunal u l-kapaċitajiet tekniċi.

L-Istati Membri huma responsabbli għaż-żamma tal-liġi u tal-ordni u għas-salvagwardja tas-sigurtà interna[19]. Fil-prinċipju, huma liberi li jorganizzaw l-awtoritajiet u s-servizzi tal-infurzar tal-liġi tagħhom kif jidhrilhom li huwa xieraq. Fir-rigward tal-istrutturi ta' kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, l-Istati Membri kollha stabbilew jew jinsabu fil-proċess li jistabbilixxu Punt Uniku ta' Kuntatt[20] kompetenti biex jiddelieġi kemm jista' jkun skambju ta' informazzjoni. Abbażi tal-liġi nazzjonali jew tar-regoli interni, l-awtoritajiet tal-infurzar

16 ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19–62.

17 Dawn il-kwistjonijiet pendenti ġew enfasizzati notevolment fl-evalwazzjonijiet ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija. Dawn l-evalwazzjonijiet tar-rapporti tal-pajjiżi jissottolinjaw l-eżistenza ta' prattiki diverġenti skont l-Istat parti l-ieħor. Huma jkopru wkoll id-dokumenti ta' gwida rilevanti tal-Kunsill u l-kapitolu dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija tal-Konvenzjoni tal-1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u l-ftehimiet bi/multilaterali relatati tagħhom.

18 Pereżempju: Id-dokument tal-Kunsill 5825/20 tat-2/12/2020, *Manwal dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar tal-Liġi.*

19 L-Artikolu 72 tat-TFUE.

20 Il-Punt Uniku ta' Kuntatt huwa ċ-ċentru nazzjonali tal-informazzjoni li jiċċentralizza r-riċeviment, l-ipproċessar u t-trażmissjoni tal-informazzjoni lil pajjiżi oħrajn. Huwa jiġbor taħt l-istess struttura ta' ġestjoni l-mezzi ewlenin kollha ta' komunikazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi tal-UE u internazzjonali (l-INTERPOL, l-Europol u SIRENE).

tal-liġi jistgħu wkoll jiskambjaw informazzjoni direttament bejniethom. Għalkemm ġew prodotti manwali u skedi informattivi nazzjonali differenti sabiex jiġi ffaċilitat approċċ armonizzat għall-mod kif jiġu organizzati l-Punti Uniċi ta' Kuntatt nazzjonali, għad hemm differenzi sinifikanti madwar l-Istati Membri fir-rigward tal-istrutturi, il-funzjonijiet, il-mezzi u l-kapaċitajiet tagħhom.

B'riżultat ta' dan, **l-Istati Membri mhux dejjem ikollhom l-istrutturi meħtieġa fis-seħħ biex jiskambjaw l-informazzjoni b'mod effettiv u effiċjenti ma' Stati Membri oħrajn**. Il-Punti Uniċi ta' Kuntatt nazzjonali mhux dejjem jaqdu r-rwol ta' koordinazzjoni tagħhom u jistgħu ma jkollhomx ir-riżorsi biex jiffaċċjaw l-għadd dejjem jikber ta' talbiet.

B'mod partikolari, mhux dejjem ikunu mgħammra bl-għodod meħtieġa għall-ġestjoni tal-informazzjoni (pereżempju, sistema ta' ġestjoni tal-każijiet b'dashboard komuni u upload awtomatiku tad-data u kontroverifika). Barra minn hekk, il-**Punti Uniċi ta' Kuntatt mhux dejjem ikollhom aċċess dirett u faċli għall-utenti għall-bażijiet tad-*data* u l-pjattaformi rilevanti kollha tal-UE u internazzjonali**. Minbarra dan, xi Punti Uniċi ta' Kuntatt għandhom aċċess limitat għal **bażijiet tad-*data* nazzjonali rilevanti**, li jkompli jdewwem il-proċess ġenerali ta' skambju ta' informazzjoni. Barra minn hekk, il-Punti Uniċi ta' Kuntatt jistgħu ma jkollhomx ir-riżorsi biex jindirizzaw fil-ħin u b'mod effettiv l-għadd dejjem jikber ta' talbiet riċevuti. Tabilħaqq, din ix-xejra li qed tiżdied mhux dejjem kienet akkumpanjata minn żieda proporzjonata tar-riżorsi umani u tal-IT.

**Arkitettura moderna għall-ġestjoni tal-informazzjoni**, li diġà tintuża f'xi Punti Uniċi ta' Kuntatt "avvanzati", tista' ttaffi t-tensjonijiet fuq riżorsi umani limitati permezz tal-integrazzjoni tal-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti fil-bażijiet tad-*data* rispettivi tagħhom, u b'hekk tissorvelja u ssegwi wkoll l-iskadenza għat-tweġibiet għat-talbiet għall-informazzjoni[21]. Il-bażijiet tad-*data* disponibbli f'Punti Uniċi ta' Kuntatt mhux dejjem jintużaw għall-potenzjal sħiħ tagħhom lanqas minħabba **għodod ta' tfittxija rudimentali**, li jipprevjenu l-adozzjoni ta' tekniki ta' trażlitterazzjoni[22] u funzjonijiet ta' tfittxija ta' "loġika mċajpra"[23]. In-nuqqas ta' għażliet ta' trażlitterazzjoni u tfittxija ta' "loġika mċajpra" fi ħdan is-sistemi ta' informazzjoni jimpedixxi lill-uffiċjali milli jiksbu riżultati ('hits') eżawrjenti permezz ta' mistoqsija unika. B'riżultat ta' dan, l-uffiċjali għandhom iwettqu tfittxija ġdida għal kull dettall personali li jkunu qed jinvestigaw, li tirriżulta f'żieda fl-ammont ta' xogħol, li tnaqqas ir-ritmu tal-proċess tat-tfittxija (pereżempju, l-inverżjoni tal-isem u tal-kunjom, l-ortografija differenti użata għall-istess individwu li tirriżulta notevolment minn lingwi, alfabetti u aċċenti dijakritiċi differenti).

Bħalissa, l-iskadenzi kważi dejjem jinqabżu meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni ġudizzjarja. **Id-disponibbiltà funzjonali ta' awtorità ġudizzjarja**, kif diġà huwa l-każ f'Punti Uniċi ta' Kuntatt aktar effettivi u effiċjenti, se tikkontribwixxi biex jittaffa d-dewmien bla bżonn. Tabilħaqq, każijiet li jeħtieġu awtorizzazzjoni ġudizzjarja jistgħu jiġu ttrattati aktar malajr minn dak li huwa l-każ bħalissa, li jfisser li l-iskadenzi jistgħu jiġu ssodisfati aktar faċilment anke f'dawn il-każijiet.

---

21 Ara l-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta.

22 Trażlitterazzjoni hija l-proċess li tirrappreżenta kliem/ismijiet minn lingwa waħda bl-użu tal-alfabett jew tas-sistema tal-kitba ta' lingwa oħra (rikonoxximent multilingwi tal-ismijiet). Pereżempju, l-ittra "o" tista' tkun 'ò', 'ó', 'ô', 'õ', 'ö', 'ø' skont il-lingwa/l-alfabett użati.

23 'Fuzzy database' hija bażi tad-*data* li tista' tittratta informazzjoni inċerta jew mhux kompluta bl-użu ta' loġika mċajpra (fuzzy logic), jiġifieri l-kapaċità li jinstabu riżultati li jaqblu anke meta l-isem ta' persuna jinkiteb ħażin.

(3) Nuqqas ta' prattika komuni fl-użu tal-mezz(i) ta' komunikazzjoni eżistenti għall-iskambju ta' informazzjoni fl-UE

**It-tielet objettiv** ta' din il-proposta għal Direttiva huwa **li tirrimedja l-proliferazzjoni tal-mezzi ta' komunikazzjoni użati għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi bejn l-Istati Membri, filwaqt li ssaħħaħ ir-rwol tal-Europol bħala ċ-ċentru ta' informazzjoni kriminali tal-UE għal reati li jaqgħu fil-mandat tiegħu**.

Minbarra għadd ta' każijiet speċifiċi għas-sistema regolati mid-dritt tal-Unjoni (jiġifieri t-talbiet għal informazzjoni supplimentari relatata mal-allerti fis-SIS iridu jsiru permezz tal-Uffiċċji SIRENE[24], u l-iskambju ta' informazzjoni mal-Europol ġeneralment permezz tal-ENUs[25]), l-Istati Membri ma qablux dwar mezz wieħed ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom għal każijiet b'dimensjoni tal-UE, li jwassal għal duplikazzjoni ta' talbiet, dewmien bla bżonn u telf okkażjonali ta' informazzjoni.

**B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri jużaw mezzi differenti sa punti differenti biex jitolbu, jibagħtu u jirċievu l-informazzjoni**, ħafna drabi mingħajr motiv ċar u definit minn qabel[26], li jfixkel l-iskambju effettiv u effiċjenti ta' informazzjoni. Dan iċaħħad ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali mill-appoġġ tal-Europol, minkejja li l-Istati Membri jitolbu lill-Aġenzija biex tkun ċentru tal-informazzjoni kriminali tal-UE li jkun jista' jwassal prodotti kwalitattivi mmexxija mill-informazzjoni.

Il-Punti Uniċi ta' Kuntatt mhux dejjem jiżguraw il-monitoraġġ tal-mezzi eżistenti 24/7, li jirriżulta f'impatti negattivi possibbli fuq każijiet transfruntiera li jeħtieġu kondiviżjoni urġenti tal-informazzjoni. Fl-istess ħin, l-Applikazzjoni ta' Network Sikur għall-Iskambju ta' Informazzjoni (minn hawn 'il quddiem "SIENA") tal-Europol mhux qed tintuża biżżejjed, minkejja l-karatteristiċi mfassla apposta tagħha u l-infrastruttura b'saħħitha tas-sigurtà tad-*data*. Anki meta l-Istati Membri jużaw is-SIENA, **dawn mhux dejjem jinvolvu lill-Europol (billi jinkluduh fil-korrispondenza)**, minkejja li l-informazzjoni skambjata taqa' fil-mandat tiegħu. Dan jista' joħloq lakuni sinifikanti fl-informazzjoni fil-livell tal-UE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti u li ġejjin fil-qasam tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi. Il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi hija qasam ta' kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri. F'dawn l-aħħar snin, sar progress biex tittejjeb il-kooperazzjoni fl-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u biex jingħalaq l-ispazju li fih joperaw it-terroristi u l-kriminali serji. Il-qafas leġiżlattiv dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-iskambju ta' informazzjoni ssaħħaħ wara l-attakki terroristiċi fl-Ewropa. Wara l-kriżi tal-migrazzjoni tal-2015, l-arkitettura ġenerali tas-sistemi ta' informazzjoni u l-bażijiet tad-*data* tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI) ġiet riveduta b'enfasi fuq l-

24 L-iskambju ta' informazzjoni supplimentari relatata mal-allerti fis-SIS irid isir permezz ta' network uniku ta' uffiċċji nazzjonali msejħa Uffiċċji SIRENE.

25 Unità Nazzjonali tal-Europol. L-iskambju ta' informazzjoni mal-Europol irid isir permezz tal-ENUs li jużaw is-SIENA.

26 Għadd ta' SPOCs nazzjonali jużaw linji gwida interni li jirrakkomandaw jew jirrikjedu l-użu speċifiku ta' mezz ta' komunikazzjoni għal skop speċifiku, u b'hekk jiżguraw il-konsistenza u jevitaw id-duplikazzjoni tat-talbiet. Madankollu, SPOCs oħrajn jiddependu fuq id-drawwiet u l-preferenzi tal-uffiċjali, b'tali libertà tirriżulta f'ineffiċjenzi f'kuntest ta' investigazzjoni transfruntiera.

interoperabbiltà[27] u l-konverġenza dinamika bejn is-sigurtà, il-fruntieri u l-ġestjoni tal-migrazzjoni. Barra minn hekk, ġiet promossa kooperazzjoni akbar bejn il-korpi tal-infurzar tal-liġi fil-livell tal-UE permezz tal-pubblikazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet u linji gwida tal-Kunsill (mhux vinkolanti) li jfittxu li jiffaċilitaw il-konverġenza tal-prattiki nazzjonali.

Billi ż-żewġ komponenti tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi essenzjalment jirrigwardjaw (i) l-iskambju ta' informazzjoni (li huwa l-punt fokali ta' din il-proposta), u (ii) il-kooperazzjoni transfruntiera operazzjonali, din il-proposta se tifforma parti minn pakkett koerenti bil-proposta ta' akkumpanjament għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar aspetti ta' kooperazzjoni operazzjonali transfruntiera tal-pulizija. Dan il-pakkett huwa kkomplementat bil-proposta parallela għal Regolament li jirrevedi l-Mekkaniżmu Awtomatizzat għall-Iskambju tad-*Data* għall-Kooperazzjoni tal-Pulizija ("Prüm II"). Il-proposta "Prüm II" se jkollha l-għan li ssaħħaħ l-arkitettura teknika tal-iskambju ta' Prüm, twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħha tal-kategoriji tad-*data* u tirrazzjonalizza u taċċellera l-iskambju ta' *data* tagħha wara l-hit. Il-proposta msaħħa "Prüm II" tipprovdi regoli u possibbiltajiet speċifiċi għall-iskambju **awtomatizzat** ta' kategoriji speċifiċi – u partikolarment importanti – tad-*data* (pereżempju, marki tas-swaba', DNA, immaġnijiet tal-wiċċ) fi ħdan il-qafas globali u r-regoli ġenerali għall-iskambju ta' informazzjoni ġenerali li se tipprovdi din id-Direttiva.

Bħala miżura importanti biex tissaħħaħ is-sigurtà fl-UE, din il-proposta se tikkontribwixxi wkoll għal żona Schengen li tiffunzjona bis-sħiħ u reżiljenti kif stabbilit fl-Istrateġija ta' Schengen. Din il-proposta hija wkoll f'koerenza sħiħa mal-proposta tal-2020 li tirrevedi l-mandat tal-Europol[28] bil-ħsieb li jissaħħaħ il-mandat tal-aġenzija dwar l-ipproċessar ta' settijiet ta' *data* kbar u kumplessi, kif ukoll mal-Ordnijiet Ewropej ta' Produzzjoni u Preservazzjoni għal evidenza elettronika f'materji kriminali[29]. Il-proposta tikkomplementa l-qafas legali[30] dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar twissijiet fis-SIS permezz tal-Uffiċċji SIRENE. Din il-proposta hija mingħajr preġudizzju għal dawk l-atti l-oħrajn kollha tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll għal dawk l-atti l-oħrajn kollha bħad-Direttiva 2019/1153 tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI bl-iskop li jiġi ffaċilitat l-aċċess għal, u l-użu ta', informazzjoni finanzjarja u informazzjoni dwar

---

27 Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri u l-viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI [2019] ĠU L 135/27; Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 [2019] ĠU L 135/85.

28 COM/2020/796 final.

29 COM/2018/225 final - 2018/0108 (COD).

30 ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1–13. Ir-Regolament 2018/1860 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali; Ir-Regolament 2018/1861 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006; Ir-Regolament 2018/1862 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE, kif emendata.

kont bankarju mill-awtoritajiet kompetenti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali serji[31].

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Din il-proposta għandha l-għan li tikkontribwixxi b'mod pożittiv għal żona Schengen li tiffunzjona bis-sħiħ u reżiljenti, li tagħmilha possibbli li aktar persuni jiċċaqilqu liberament, u li l-oġġetti u s-servizzi jiċċaqalqu mingħajr xkiel, li min-naħa tagħha tikkontribwixxi għall-funzjonament effiċjenti tas-Suq Uniku, u b'hekk għat-tkabbir tal-ekonomija tal-Unjoni. Għalhekk, din il-proposta hija konsistenti għalkollox ma' politiki oħrajn tal-Unjoni fil-qasam tal-impjiegi, tat-trasport u, fl-aħħar mill-aħħar, it-tkabbir ekonomiku fir-reġjuni tal-fruntieri intra-UE, iżda wkoll fl-UE kollha.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għall-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi intra-UE hija l-Kapitolu 5 tat-Titolu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Skont l-Artikolu 87 tat-TFUE: "*L-Unjoni għandha tistabbilixxi kooperazzjoni tal-pulizija li tinvolvi l-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Istati Membri, inklużi l-pulizija, is-servizzi tad-dwana u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi speċjalizzati fl-oqsma tal-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali*". B'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 87(2)(a) tat-TFUE huwa relatat ma' miżuri li jikkonċernaw il-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-prevenzjoni, is-sejbien u l-investigazzjoni ta' reati kriminali. Din il-proposta legali għandha tiġi adottata skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-azzjoni tal-UE hija meħtieġa biex jiġu indirizzati kif xieraq il-problemi identifikati fl-ewwel taqsima ta' dan il-memorandum ta' spjegazzjoni. L-objettiv tat-titjib tal-flussi ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti tal-infurzar tal-liġi u mal-Europol ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri li jaġixxu weħidhom. Minħabba n-natura transfruntiera tal-kriminalità u tat-terroriżmu, l-Istati Membri huma obbligati li jiddependu minn xulxin. B'hekk, l-istabbiliment ta' regoli komuni għall-iskambju ta' informazzjoni jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni. Minkejja l-eżistenza ta' għadd ta' miżuri nazzjonali u reġjonali fis-seħħ, l-Istati Membri weħidhom ma jkunux jistgħu jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipji tad-disponibbiltà u tal-aċċess ekwivalenti għall-informazzjoni. Jekk jaġixxu weħidhom u abbażi ta' skemi nazzjonali, l-Istati Membri ma jegħlbux id-differenzi attwali fost il-Punti Uniċi ta' Kuntatt, li jxekklu l-iskambju effiċjenti u effettiv ta' informazzjoni rilevanti bejn il-fruntieri. Dawn ma jiżgurawx livell xieraq u uniformi ta' għarfien u kapaċità fl-użu ta' bażijiet tad-*data* u mezzi ta' komunikazzjoni rilevanti.

L-UE hija mgħammra aħjar minn Stati Membri individwali biex tiżgura l-koerenza tal-azzjonijiet meħuda fil-livell nazzjonali, tindirizza d-diverġenza tal-prattiki nazzjonali, tipprevjeni d-duplikazzjonijiet, is-sovrapożizzjonijiet u l-inċertezzi u, eventwalment, tiffaċilita kontroazzjoni effiċjenti għat-terroriżmu u l-kriminalità transfruntiera. L-azzjoni tal-UE, b'reazzjoni għall-problemi identifikati, hija mistennija li ġġib valur miżjud għall-UE kollha u, għalhekk, għaċ-ċittadini tagħha, minħabba li se tagħmel iż-żona Schengen aktar reżiljenti u

[31] ĠU L 186, 11.7.2019, p. 122–137.

robusta, b'effett immewweġ fuq il-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen[32]. Ir-regoli, l-istandards u r-rekwiżiti komuni fil-livell tal-UE li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kriminalità transfruntiera bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi se jiġġeneraw ekonomiji ta' skala sinifikanti, filwaqt li jiżguraw standards ta' sigurtà u protezzjoni tad-*data* ta' livell għoli.

Il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fil-livell tal-UE ma tissostitwixxix il-politiki nazzjonali dwar is-sigurtà interna. Hija ma tissostitwixxix il-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi. Minflok, l-azzjoni fil-livell tal-UE tappoġġa u ssaħħaħ il-politiki nazzjonali dwar is-sigurtà u l-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transfruntiera.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta għandha l-għan li tikkonsolida l-qafas legali tal-UE fi strument legali uniku dwar l-iskambju ta' informazzjoni permezz tal-"liżbonizzazzjoni" tad-Deċiżjoni Kwadru Żvediża. Hija fiha wkoll dispożizzjonijiet li joħorġu minn sett ta' linji gwida mhux vinkolanti tal-Kunsill adottati matul dawn l-aħħar 15-il sena. Meta jitqiesu s-sejħa tal-koleġiżlatur u r-rieda espressa mill-Istati Membri fil-fażi ta' konsultazzjoni, din il-proposta għal Direttiva tindirizza l-problemi identifikati mingħajr ma tmur lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv li jiġu żgurati flussi effettivi u effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri.

- **Għażla tal-istrument**

Filwaqt li tibni fuq il-Konklużjonijiet rilevanti preċedenti tal-Kunsill[33], din il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva għandha l-għan li tikseb flussi effettivi u effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, permezz ta' approssimazzjoni sostanzjali tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar l-iskambju ta' informazzjoni u l-komunikazzjoni. Id-dispożizzjonijiet tagħha jiżguraw ir-rispett tal-għoti tas-setgħat kif ukoll id-differenzi fis-sistemi legali u t-tradizzjonijiet tal-Istati Membri, kif rikonoxxut mit-Trattati. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-proposta legali proposta tieħu l-forma ta' Direttiva.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-konsultazzjoni involviet **partijiet ikkonċernati rilevanti** minn firxa wiesgħa ta' suġġetti, il-pulizija nazzjonali, id-dwana, l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-protezzjoni tad-*data*, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, akkademiċi, u minn membri tal-pubbliku dwar l-aspettattivi u t-tħassib tagħhom relatati mat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fl-UE[34].

Il-Kummissjoni użat **mezzi ta' involviment** differenti, bħal kwestjonarji mmirati, intervisti mal-esperti, gruppi fokus, studji ta' każijiet, u workshops tematiċi organizzati mal-Istati

32 L-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera.
33 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Interna u s-Sħubija Ewropea tal-Pulizija, 13083/1/20.
34 Preżentazzjoni eżawrjenti tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati tinsab fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta.

Membri u ma' rappreżentanti tal-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen. Is-suġġetti u l-għażliet ta' politika ppreżentati fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta ġew diskussi wkoll fil-Gruppi ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill (pereżempju, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi/il-Pulizija, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi/id-Dwana, il-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna).

Barra minn hekk, f'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar[35], il-Kummissjoni nediet **Konsultazzjoni Pubblika**. **Ir-riżultati tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni** (20 tweġiba) tqiesu kif xieraq fit-tħejjija ta' din il-proposta[36].

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Matul it-tħejjija ta' "*Studju maħsub biex jappoġġa t-tħejjija ta' valutazzjoni tal-impatt fuq l-inizjattivi ta' politika tal-UE li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi*", saru wkoll bosta attivitajiet ta' konsultazzjoni – bħal intervisti ta' orjentazzjoni, kwestjonarji u stħarriġ online, intervisti semi-strutturati, studji ta' każijiet u gruppi fokus – mill-kuntrattur.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

F'konformità mal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, twettqet Valutazzjoni tal-Impatt għat-tħejjija ta' din il-proposta leġiżlattiva. Abbażi tas-sejbiet tagħha, il-Kummissjoni identifikat tliet problemi ewlenin li jikkorrespondu għal tliet objettivi speċifiċi ewlenin ta' din il-proposta (kif imsemmija hawn fuq). B'mod korrispondenti, ġew ikkunsidrati tliet għażliet ta' politika bi gradi differenti ta' intervent sabiex potenzjalment jintlaħaq kull wieħed mill-objettivi speċifiċi[37].

Objettiv speċifiku nru 1: *Jiġi ffaċilitat l-aċċess ekwivalenti għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-informazzjoni miżmuma fi Stat Membru ieħor, filwaqt li jkun hemm konformità mad-drittijiet fundamentali, inklużi r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data.*

Permezz ta':

(1) l-iżgurar tal-allinjament tad-dispożizzjonijiet li bħalissa jinsabu fl-SFD tal-2006 mad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-*Data* tal-2016;

(2) l-iżvilupp ta' sett ta' miżuri ta' sostenn "mhux vinkolanti" ġodda, bħal taħriġ u gwida tal-Kummissjoni dwar aspetti speċifiċi ta' skambju ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi, kif xieraq;

(3) it-titjib taċ-ċarezza tad-dispożizzjonijiet tal-SFD. Dan isir permezz ta' kjarifika dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-SFD u simplifikazzjoni tal-użu tagħha. Tista' tiġi żviluppata wkoll gwida tal-Kummissjoni dwar is-settijiet ta' *data* nazzjonali disponibbli f'kull Stat Membru għal skambju possibbli biex tittejjeb aktar l-implimentazzjoni, kif xieraq;

(4) l-iffaċilitar tal-konformità mar-rekwiżiti tal-iskadenzi li bihom l-informazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Stat Membru ieħor, inkluż meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni ġudizzjarja.

---

35 SWD (2017) 350, 7.7.2017.

36 Il-kodiċi tal-UE għall-kooperazzjoni tal-pulizija – l-indirizzar tal-kriminalità serja transfruntiera u kriminalità organizzata (europa.eu)

37 Ara l-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta.

Objettiv speċifiku nru 2: *Jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom Punt Uniku ta' Kuntatt li jiffunzjona b'mod effettiv, inkluż meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni ġudizzjarja biex tiġi pprovduta informazzjoni fuq talba ta' Stat Membru ieħor.*

Permezz ta':

(1) l-iżvilupp ta' sett ġdid ta' miżuri ta' sostenn "mhux vinkolanti", bħal taħriġ, appoġġ finanzjarju u gwida tal-Kummissjoni ta' rilevanza, kif xieraq;

(2) l-istabbiliment ta' rekwiżiti komuni minimi dwar il-kompożizzjoni tal-Punti Uniċi ta' Kuntatt (inkluż meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni ġudizzjarja), il-funzjonijiet, il-persunal, il-kapaċitajiet tagħhom.

Objettiv speċifiku nru 3: *Tiġi rrimedjata l-proliferazzjoni tal-mezzi ta' komunikazzjoni użati għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi bejn l-Istati Membri, filwaqt li jissaħħaħ ir-rwol tal-Europol bħala ċ-ċentru ta' informazzjoni kriminali tal-UE għal reati li jaqgħu fil-mandat tiegħu.*

Permezz ta':

(1) l-iżvilupp ta' sett ġdid ta' miżuri ta' sostenn "mhux vinkolanti", bħal taħriġ, appoġġ finanzjarju u gwida tal-Kummissjoni dwar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, kif xieraq;

(2) il-ħtieġa li l-Istati Membri jużaw is-SIENA għall-iskambji ta' informazzjoni bilaterali u multilaterali kollha skont id-Direttiva proposta wara perjodu ta' tranżizzjoni meħtieġ li jiżgura l-introduzzjoni sħiħa tas-SIENA.

Dawn il-miżuri se **jirrazzjonalizzaw, jiċċaraw, jiżviluppaw u jimmodernizzaw il-kooperazzjoni transfruntiera fl-infurzar tal-liġi, filwaqt li jissalvagwardjaw aħjar id-drittijiet fundamentali**, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data* personali (kif spjegat hawn taħt). Dan se jżid ukoll l-appoġġ tal-Europol lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra t-theddid li qed jevolvi. L-għażla ta' politika ppreferuta se tiżgura konverġenza qawwija tal-prattiki nazzjonali rigward il-funzjonament effettiv u effiċjenti ta' Punt Uniku ta' Kuntatt, permezz ta' standards minimi komuni.

L-aktar impatti pożittivi tal-għażla ta' politika ppreferuta huma mistennija li joħorġu mill-istabbiliment tal-Punt Uniku ta' Kuntatt bħala "punt uniku ta' servizz" għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri kollha. L-istabbiliment tal-applikazzjoni SIENA tal-Europol bħala l-mezz awtomatiku ta' komunikazzjoni se jżid mar-razzjonalizzazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi, filwaqt li jiżgura l-konverġenza tal-informazzjoni fl-Europol, u s-sigurtà ta' tali informazzjoni (u *data* personali). L-għażla ta' politika ppreferuta tinkludi wkoll miżuri ta' sostenn, bħal taħriġ rilevanti u appoġġ finanzjarju, fatturi determinanti biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi ppreżentati hawn fuq. L-għażla ppreferuta tirrifletti l-aħjar impatti kumulattivi fir-rigward tar-rilevanza, il-valur miżjud, l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u l-proporzjonalità. Hija tieħu tagħlimiet mill-passat u, fl-istess ħin, hija ambizzjuża biżżejjed. L-għażla ppreferuta tqis kif xieraq il-fehmiet espressi mill-Istati Membri, filwaqt li twieġeb għall-aspettattivi leġittimi taċ-ċittadini u n-negozji tal-UE. B'dan il-mod, l-għażla ppreferuta tikkontribwixxi għall-funzjonament effettiv u effiċjenti taż-żona Schengen.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta analizzat l-effetti li kull għażla ta' politika, inklużi l-miżuri previsti minn din il-proposta għal Direttiva, potenzjalment ikollhom fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini. Minnha nnifisha, kwalunkwe għażla ta' politika li tindirizza l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkollha impatt fuq id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali, kif previst mill-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (minn hawn 'il quddiem: il-Karta) u l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-għażliet ta' politika għandhom ukoll impatt potenzjali fuq drittijiet fundamentali oħrajn, bħal dawk protetti mill-Artikoli 2 (Id-dritt għall-ħajja), 3 (Id-dritt għall-integrità tal-persuna), 6 (Id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà), 17 (Id-dritt għall-proprjetà) u 45 (Il-libertà tal-moviment u tar-residenza) tal-Karta. Il-Valutazzjoni tal-Impatt qieset li l-għażliet ta' politika magħżula huma proporzjonati, minħabba li huma limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv li tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà interna fiż-żona Schengen, filwaqt li jiġi protett il-moviment liberu tal-persuni[38].

Barra minn hekk, l-allinjament tar-regoli rilevanti dwar l-iskambji ta' informazzjoni għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi mar-regoli sussegwentement adottati u applikabbli dwar l-ipproċessar ta' *data* personali għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (skont id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-*Data* fl-Infurzar tal-Liġi tal-2016; minn hawn 'il quddiem: LED[39]) mistenni jkollu impatt pożittiv fuq is-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini. L-użu tas-SIENA bħala l-mezz ta' komunikazzjoni se jtejjeb ukoll is-sigurtà tas-sistemi tal-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni ġenerali tagħhom kontra abbużi possibbli. Billi l-LED tipprovdi u tiżgura l-livell meħtieġ ta' protezzjoni tad-*data* personali fl-Unjoni, ma hemmx bżonn li tmur lil hinn minn dan. Minflok, l-allinjament se jiżgura konsistenza sħiħa mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, inklużi dawk li jinsabu fl-LED. B'dan il-mod, qed jingħata effett lill-impenn tal-Kummissjoni li jinsab f'Komunikazzjoni tal-2020 li "*ssir proposta leġiżlattiva, li bħala minimu tinvolvi emenda tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI biex jiġi żgurat l-allinjament meħtieġ tal-protezzjoni tad-data, fl-aħħar trimestru tal-2021*"[40].

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Filwaqt li tiddependi ħafna mill-ispeċifiċitajiet ta' kull struttura tal-IT nazzjonali u tal-parametri legali, ġiet ipprovduta stima tal-kostijiet possibbli mill-Europol u din ġiet irrapportata fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta. L-aġġornamenti meħtieġa tal-IT kemm fil-Punti Uniċi ta' Kuntatt kif ukoll fiċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana[41] ġew stmati li jammontaw għal **total massimu ta' darba** ta' **EUR 11,5 miljun.** Dawn jitqiesu li jinqasmu kif ġej:

---

[38] Ara l-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta.

[39] Id-Direttiva (UE) 2016/680, ĠU L 119, 4.5.2016.

[40] COM(2020)262, *It-triq 'il quddiem biex jiġi allinjat dak li kien l-acquis tat-tielet pilastru mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.*

[41] Iċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana huma ċentri ta' informazzjoni reġjonali stabbiliti f'reġjuni tal-fruntiera ta' żewġ Stati Membri jew aktar. Dawn huma magħmula minn persunal tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi minn dawn l-Istati Membri. Sa issa, ġew stabbiliti 59 Ċentru ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana madwar l-Ewropa.

– EUR 1,5 miljun biex jiġu stabbiliti Sistemi ta' Ġestjoni tal-Każijiet (CMS) f'10 SM (li għadhom ma humiex mgħammra);

– EUR 1 miljun biex is-SIENA tiġi integrata fis-CMS tal-Punti Uniċi ta' Kuntatt ta' 20 SM (li għadhom ma humiex mgħammra);

– EUR 2,25 miljun biex tiġi stabbilita konnessjoni taċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana mas-SIENA f'massimu ta' 45 Ċentru ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana (14 minn 59 huma diġà konnessi);

– EUR 6,75 miljun biex jiġu stabbiliti CMSs f'massimu ta' 45 Ċentru ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana (45x EUR 150 000).

Dawn il-kostijiet (investiment ta' darba) jitqiesu li huma aċċettabbli u **proporzjonati** għall-problema identifikata u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi stabbiliti minn din il-proposta għal Direttiva. Jenħtieġ li jiġi nnotat li, fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri qegħdin isegwu modernizzazzjoni tas-sistemi tal-IT tagħhom (anke fil-kuntest tal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE). Dan jipprovdi opportunità tajba għall-implimentazzjoni kosteffettiva tal-bidliet previsti mid-dispożizzjoni ta' din il-proposta. Dawn l-estimi ma jkoprux il-ħtiġijiet ta' taħriġ minħabba li, speċjalment għall-aġġornamenti tal-IT, il-kostijiet tat-taħriġ jiddependu ħafna mill-ispeċifiċitajiet ta' kull struttura nazzjonali tal-IT u mill-parametri legali.

Fi kwalunkwe każ, il-kostijiet fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jkunu koperti mill-programmi tal-Istati Membri taħt il-Fond għas-Sigurtà Interna[42]. Il-Fond għas-Sigurtà Interna jinkludi l-objettiv speċifiku li "*jittejjeb u jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni*" u li "*tittejjeb u tiġi intensifikata l-kooperazzjoni transfruntiera*"[43]. Meta jkunu qed iħejju l-programmi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri huma b'hekk mistiedna jinkludu attivitajiet rilevanti għall-implimentazzjoni tad-Direttiva prevista, b'referenza espliċita għall-Punti Uniċi ta' Kuntatt u għaċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana, u l-konnessjoni mas-SIENA. Billi xi Stati Membri huma aktar avvanzati minn oħrajn fil-livell ta' kooperazzjoni tagħhom, il-kost tal-implimentazzjoni tad-Direttiva proposta se jvarja bejn l-Istati Membri.

Minbarra l-kostijiet potenzjalment koperti mill-programmi tal-Istati Membri taħt il-Fond għas-Sigurtà Interna, mhux se jkun hemm kostijiet oħrajn imġarrba fil-livell tal-UE.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

• **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rapportar**

L-evalwazzjoni tal-impatti tal-miżuri proposti tiddependi fuq l-informazzjoni li għandha tiġi riċevuta mingħand l-Istati Membri. Għal din ir-raġuni, din il-proposta fiha **dispożizzjonijiet dwar il-ġbir ta' indikaturi tad-*data***. Ir-responsabbiltà għall-ġbir tad-*data* ta' monitoraġġ rilevanti jenħtieġ li tkun fil-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali, idealment il-Punti Uniċi ta' Kuntatt. Sussegwentement, il-monitoraġġ ta' dawn l-indikaturi tal-attività se jintuża biex jinforma dwar l-applikazzjoni tal-miżuri proposti.

[42] Ir-Regolament (UE) 2021/1149.
[43] Ara l-Artikolu 3(2)(a) u (b) tar-Regolament (UE) 2021/1149.

F'dan ir-rigward, din il-proposta tirrikjedi li l-Kummissjoni tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta l-punt sa fejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva proposta. L-artikolu rilevanti jirrikjedi wkoll li l-Kummissjoni tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-valur miżjud tad-Direttiva, 5 snin wara d-dħul fis-seħħ, u tikkunsidra rieżami possibbli tad-Direttiva, skont ir-rilevanza.

Minbarra din il-proposta legali, il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi bis-saħħa tal-awtonomija amministrattiva tagħha, se tistabbilixxi **grupp ta' esperti informali** magħmul minn esperti minn kull Stat Membru, biex jagħti pariri u jappoġġa lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ u l-applikazzjoni tad-Direttiva, inkluż fit-tħejjija ta' dokumenti ta' gwida tal-Kummissjoni. Dan il-grupp ta' esperti jista' jinbena fuq in-network informali eżistenti tal-Kap tal-Punti Uniċi ta' Kuntatt. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex tiġi vverifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija se jkompli jitwettaq f'konformità mar-Regolament attwali tal-Kunsill[44] u, eventwalment, f'konformità mal-emenda possibbli tiegħu[45]. Dawn ir-rapporti ta' evalwazzjoni sa issa koprew l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru Żvediża. Evalwazzjonijiet futuri se jinkludu l-applikazzjoni tad-Direttiva l-ġdida prevista.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din il-proposta leġiżlattiva għal Direttiva hija strutturata f'sitt kapitoli:

(1) Dispożizzjonijiet ġenerali għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri għall-fini tal-prevenzjoni, is-sejbien u l-investigazzjoni ta' reati kriminali (l-Art. 1 sal-Art. 3)

L-ewwel blokk ta' dispożizzjonijiet jibni fuq l-istruttura u s-sustanza tad-Deċiżjoni Kwadru Żvediża fis-seħħ mill-2006. Barra minn hekk, dan iġib il-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tiegħu f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija (it-Titolu V, il-Kapitolu 4) kif introdotti mit-Trattat ta' Liżbona fis-seħħ mill-2009.

L-Artikolu 1 jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli orizzontali għall-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-prevenzjoni, is-sejbien jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva japplikaw sakemm ma jkunux regolati b'mod ieħor minn atti speċifiċi oħrajn tad-dritt tal-Unjoni.

L-Artikolu 2 jiddefinixxi għadd ta' termini ewlenin, bħall-awtoritajiet soġġetti għar-regoli orizzontali dwar l-iskambju ta' informazzjoni, ir-reati kriminali kkonċernati u t-tip ta' informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

L-Artikolu 3 jiddeskrivi tliet prinċipji li jridu jiġu rrispettati meta jkun hemm skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri skont id-Direttiva: il-prinċipju tal-aċċess ekwivalenti, li jistabbilixxi li sostanzjalment iridu jeżistu l-istess kundizzjonijiet għall-iskambji ta' informazzjoni fi Stat Membru u bejn l-Istati Membri; il-prinċipju tad-disponibbiltà, li jiddikjara li jekk ikun hemm informazzjoni disponibbli dwar reat kriminali fi Stat Membru,

44 ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27-37.

45 Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment u t-tħaddim ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex tiġi vverifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar ir-Regolament (UE) 1053/2013, it-2 ta' Ġunju 2021.

bħala regola ġenerali, din trid tkun disponibbli wkoll għal Stati Membri oħrajn; u l-prinċipju tal-kunfidenzjalità, li jiggarantixxi li l-Istati Membri jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità ta' xulxin meta jittrattaw tali informazzjoni billi jiżguraw livell simili ta' protezzjoni.

(2) L-iskambju ta' informazzjoni permezz tal-Punt Uniku ta' Kuntatt (l-Art. 4 sal-Art. 6)

L-Artikolu 4 jistabbilixxi għadd ta' rekwiżiti rigward it-talbiet għal informazzjoni mibgħuta lill-Punt Uniku ta' Kuntatt. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-kriterji li jiġġustifikaw it-talba u li jikkwalifikaw l-urġenza. It-talba għandha tiġi sottomessa mill-Punt Uniku ta' Kuntatt ta' Stati Membri oħrajn jew, meta Stat Membru jiddeċiedi hekk, minn awtoritajiet oħrajn tal-infurzar tal-liġi. Il-lingwa użata għat-talba trid tintgħażel minn fost lista ta' lingwi li kull Stat Membru huwa obbligat li jistabbilixxi u li għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi l-obbligu għall-Punt Uniku ta' Kuntatt li jirċievi t-talbiet għall-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 li jipproċessa u jirrispondi għat-talbiet f'limiti ta' żmien preċiżi, li jistgħu jiġu derogati biss f'ċerti ċirkostanzi speċifikati b'mod ristrett, jiġifieri, meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni ġudizzjarja. Tali għoti ta' informazzjoni jkollu jsir bl-istess lingwa użata għat-talba.

L-Artikolu 6 jistabbilixxi lista eżawrjenti ta' raġunijiet li jista' jinvoka l-Punt Uniku ta' Kuntatt, fejn ikun oġġettivament ġustifikat, sabiex jirrifjuta d-divulgazzjoni tal-informazzjoni mitluba, li dwarha l-awtorità rilevanti tal-Istat Membru rikjedenti trid tiġi informata minnufih. Hija prevista l-possibbiltà li l-Punt Uniku ta' Kuntatt ifittex kjarifiki dwar il-kontenut tat-talbiet, li se jissospendu l-limiti ta' żmien applikabbli, iżda biss jekk il-kjarifiki jkunu oġġettivament meħtieġa biex jiġi evitat li t-talba tiġi rrifjutata. Fir-rigward ta' kjarifiki oħrajn li jistgħu jitqiesu meħtieġa, mhux se jkun hemm tali sospensjoni.

(3) Skambji oħrajn ta' informazzjoni (l-Art. 7 sal-Art. 8)

L-Artikolu 7 jistabbilixxi l-obbligu għall-Istati Membri li jikkondividu informazzjoni ma' Stat(i) Membru/i ieħor/oħrajn b'mod spontanju, jiġifieri fuq l-inizjattiva proprja tal-awtorità rilevanti mingħajr ma tkun ġiet sottomessa talba għal informazzjoni, meta dik l-informazzjoni x'aktarx li tgħin biex jintlaħaq wieħed mill-iskopijiet speċifikati fid-Direttiva.

L-Artikolu 8 jiżgura li l-Punti Uniċi ta' Kuntatt rilevanti jinżammu informati bi kwalunkwe skambju ta' informazzjoni fuq talba, għajr talbiet sottomessi lill-Punt Uniku ta' Kuntatt, jiġifieri jew skambji ta' informazzjoni fuq talba ttrattati direttament bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri differenti jew inkella fuq talbiet għal informazzjoni sottomessi minn Punt Uniku ta' Kuntatt lil awtorità tal-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru ieħor. Dan jinkludi skambji ta' informazzjoni rilevanti miċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana u minn kwalunkwe korp ekwivalenti ieħor, sa fejn dawn jikkwalifikaw bħala awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi skont id-Direttiva proposta.

(4) Regoli addizzjonali dwar l-għoti ta' informazzjoni skont il-Kapitoli II u III (l-Art. 9 sal-Art. 13)

L-Artikolu 9 jindirizza sitwazzjonijiet fejn, skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li għalih tkun disponibbli l-informazzjoni rilevanti, tkun meħtieġa awtorizzazzjoni ġudizzjarja għall-għoti ta' dik l-informazzjoni, jew fuq talba jew b'mod spontanju u jew mill-punt Uniku ta' kuntatt jew minn awtorità tal-infurzar tal-liġi. Din id-dispożizzjoni tagħti effett lil u tispeċifika

aktar il-prinċipju ta' aċċess ekwivalenti, li jfisser li jridu japplikaw sostanzjalment l-istess kundizzjonijiet meta l-informazzjoni mitluba tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni ġudizzjarja, irrispettivament mill-fatt li l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta lil awtorità ta' Stat Membru ieħor minflok lil awtorità tal-istess Stat Membru. Dan l-artikolu jistabbilixxi wkoll li l-awtorità kkonċernata trid tieħu l-passi kollha meħtieġa immedjatament, kemm b'mod prattiku kif ukoll legalment, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha, biex tikseb tali awtorizzazzjoni ġudizzjarja mill-aktar fis possibbli.

L-Artikolu 10 jistabbilixxi ċerti rekwiżiti mmirati biex jiżguraw protezzjoni adegwata tad-*data* personali, li jirriżultaw b'mod partikolari mill-allinjament mar-regoli tal-LED.

L-Artikolu 11 jirregola l-lingwa li għandha tintuża mill-Punti Uniċi ta' Kuntatt u mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fis-sitwazzjonijiet speċifikati f'din id-Direttiva, kemm fir-rigward tal-għoti attwali ta' informazzjoni kif ukoll ta' kwalunkwe komunikazzjoni oħra relatata magħha. Ma japplika l-ebda rekwiżit lingwistiku bħal dan għall-iskambji diretti ta' informazzjoni u għal komunikazzjonijiet oħrajn imsemmija fl-Artikolu 8. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' lingwi aċċettabbli għalihom, li jenħtieġ li tinkludi wkoll l-Ingliż. Tali listi jridu jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.

L-Artikolu 12 jintroduċi l-obbligu li l-Punt Uniku ta' Kuntatt, kif ukoll l-awtoritajiet l-oħrajn kollha tal-infurzar tal-liġi sistematikament iżommu lill-Europol informat (jiġifieri jiġi inkluż fil-korrispondenza), sa fejn l-iskambji jkunu jikkonċernaw reati li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-Europol kif speċifikat fl-att bażiku tiegħu. Dan l-obbligu jiżgura li l-Europol ikun jista' jissodisfa r-rwol tiegħu ta' ċentru tal-informazzjoni fl-UE b'rabta mal-informazzjoni rilevanti għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi.

L-Artikolu 13 jirrikjedi li l-awtoritajiet rilevanti kollha jużaw – u, għal dak l-għan, ikunu direttament konnessi ma' – l-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA), ġestita mill-Europol, għall-iskambji kollha ta' informazzjoni u komunikazzjonijiet relatati koperti mid-Direttiva. Dawn ir-regoli dwar l-użu obbligatorju tas-SIENA ma japplikawx meta atti speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni jkun fihom rekwiżiti differenti dwar il-mezz ta' komunikazzjoni li għandu jintuża, pereżempju, għall-iskambji ta' informazzjoni rregolati mir-Regolament dwar is-SIS[46], minħabba li l-iskambji skont tali atti speċifiċi huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(5) Rekwiżiti minimi dwar l-istabbiliment ta' Punt Uniku ta' Kuntatt bħala entità ċentrali biex tikkoordina l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri (l-Art. 14 sal-Art. 16)

Il-ħames blokk ta' dispożizzjonijiet jistabbilixxi u jibni fuq l-obbligu għal kull Stat Membru li jistabbilixxi jew jaħtar Punt Uniku ta' Kuntatt bħala l-entità ċentrali li tikkoordina l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tiegħu u dawk ta' Stati Membri oħrajn

[46] ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1–13. Ir-Regolament 2018/1860 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali; Ir-Regolament 2018/1861 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006; Ir-Regolament 2018/1862 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE, kif emendata.

fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Dan jistabbilixxi għadd ta' rekwiżiti minimi li kwalunkwe Punt Uniku ta' Kuntatt irid jikkonforma magħhom.

L-Artikolu 14 jistabbilixxi l-kompiti u l-kapaċitajiet tal-Punt Uniku ta' Kuntatt. Sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu, il-Punt Uniku ta' Kuntatt għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni meħtieġa u jinżamm sistematikament informat bl-iskambji diretti kollha ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tiegħu u dawk tal-Istati Membri l-oħrajn. L-istabbiliment jew il-ħatra attwali tal-Punti Uniċi ta' Kuntatt iridu jiġu nnotifikati, f'perjodu ta' żmien stabbilit, lill-Kummissjoni, li mbagħad trid tippubblika tali notifiki f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.

L-Artikolu 15 jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi rigward il-kompożizzjoni tal-Punt Uniku ta' Kuntatt, filwaqt li jħalli grad ta' flessibbiltà lil kull Stat Membru biex jiddetermina l-organizzazzjoni u l-kompożizzjoni preċiżi tiegħu kif meqjus li huwa l-aktar xieraq skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali tiegħu, diment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tad-Direttiva.

L-Artikolu 16 jiddefinixxi r-rekwiżiti minimi għas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet tal-Punti Uniċi ta' Kuntatt.

(6) Dispożizzjonijiet finali

Id-dispożizzjonijiet finali jiżguraw li l-implimentazzjoni tad-Direttiva proposta tiġi mmonitorjata kif xieraq. L-ewwel nett, mill-Istati Membri, permezz tal-obbligu li jiġbru u jipprovdu sett minimu ta' *data* statistika fuq bażi annwali (l-Artikolu 17). It-tieni nett, mill-Kummissjoni, permezz tal-obbligu li tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, filwaqt li tqis, *inter alia*, id-*data* pprovduta mill-Istati Membri, u b'hekk tippermetti, it-tielet nett, lil dawk iż-żewġ istituzzjonijiet jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva wkoll (l-Artikolu 18).

Fl-aħħar nett, l-Artikoli 19, 20, 21, 22 u 23 jittrattaw għadd ta' kwistjonijiet legali-tekniċi meħtieġa, jiġifieri, it-tħassir jew ir-revoka ta' regoli pre-eżistenti li r-regoli tad-Direttiva proposta jissostitwixxu, it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali, kif ukoll id-dħul fis-seħħ u d-destinatarji. Fir-rigward tar-regoli eżistenti li jinsabu fil-KIFS (l-Artikolu 19), l-Artikolu 39 tagħha jiġi sostitwit biss sa fejn ikun jirrigwardja l-iskambju ta' informazzjoni għall-iskop speċifikat fid-Direttiva proposta. L-Artikolu 39 jibqa' applikabbli għal forom oħrajn ta' kooperazzjoni tal-pulizija koperti minn dak l-artikolu. B'kuntrast ma' dan, l-Artikolu 46 tal-KIFS, li jirrigwardja speċifikament tali skambju ta' informazzjoni, huwa kompletament sostitwit mid-Direttiva proposta u, għalhekk, huwa mħassar.

2021/0411 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, il-punt (a) tal-Artikolu 87(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) It-theddid tranżnazzjonali li jinvolvi attivitajiet kriminali jitlob rispons ikkoordinat, immirat u adattat. Filwaqt li l-awtoritajiet nazzjonali li joperaw fil-prattika jinsabu fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija ta' importanza kbira biex tiġi żgurata kooperazzjoni effiċjenti u effettiva, inkluż fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni. Barra minn hekk, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, b'mod partikolari, huma emblematiċi tar-rabta bejn is-sigurtà interna u esterna. Dan it-theddid huwa mifrux bejn il-fruntieri u jimmanifesta ruħu fi gruppi kriminali organizzati u terroristiċi li jinvolvu ruħhom f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet kriminali.

(2) F'żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, l-uffiċjali tal-pulizija fi Stat Membru wieħed jenħtieġ li jkollhom, fil-qafas tad-dritt tal-Unjoni u tal-liġi nazzjonali applikabbli, il-possibbiltà li jiksbu aċċess ekwivalenti għall-informazzjoni disponibbli għall-kollegi tagħhom fi Stat Membru ieħor. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jenħtieġ li jikkooperaw b'mod effettiv u awtomatiku madwar l-Unjoni. Għalhekk, komponent essenzjali tal-miżuri li jirfdu s-sigurtà pubblika f'żona interdipendenti mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni huwa l-kooperazzjoni tal-pulizija fuq l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi. L-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kriminalità u l-attivitajiet kriminali, inkluż it-terroriżmu, iservi l-objettiv ġenerali li tiġi protetta s-sigurtà ta' persuni fiżiċi.

(3) L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri għall-finijiet tal-prevenzjoni u s-sejbien ta' reati kriminali huwa regolat mill-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta'

Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985[47], adottata fid-19 ta' Ġunju 1990, notevolment fl-Artikoli 39 u 46 tagħha. Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI[48] issostitwiet parzjalment dawk id-dispożizzjonijiet u introduċiet regoli ġodda għall-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri.

(4) L-evalwazzjonijiet, inklużi dawk imwettqa skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 1053/2013[49], indikaw li d-Deċiżjoni Qafas 2006/960/ĠAI ma hijiex ċara biżżejjed u ma tiżgurax skambju adegwat u rapidu ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri. L-evalwazzjonijiet indikaw ukoll li dik id-Deċiżjoni Qafas ftit li xejn tintuża fil-prattika, parzjalment minħabba n-nuqqas ta' ċarezza esperjenzata fil-prattika bejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u ta' dik id-Deċiżjoni Qafas.

(5) Għalhekk, il-qafas legali eżistenti li jikkonsisti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u d-Deċiżjoni Qafas 2006/960/ĠAI jenħtieġ li jiġi aġġornat u sostitwit, sabiex jiffaċilita u jiżgura, permezz tal-istabbiliment ta' regoli ċari u armonizzati, l-iskambju adegwat u rapidu ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri differenti.

(6) B'mod partikolari, jenħtieġ li d-diskrepanzi bejn id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u d-Deċiżjoni Kwadru 2006/960/ĠAI jiġu indirizzati billi jiġu koperti l-iskambji ta' informazzjoni għall-fini tal-prevenzjoni, is-sejbien jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali, u b'hekk jissostitwixxu bis-sħiħ, sa fejn ikunu kkonċernati tali skambji, l-Artikoli 39 u 46 ta' dik il-Konvenzjoni u għalhekk jipprovdu ċ-ċertezza legali meħtieġa. Barra minn hekk, jenħtieġ li r-regoli rilevanti jiġu ssimplifikati u ċċarati, sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni effettiva tagħhom fil-prattika.

(7) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li jirregolaw l-aspetti trażversali ta' tali skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Jenħtieġ li r-regoli ta' din id-Direttiva ma jaffettwawx l-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar sistemi jew oqfsa speċifiċi għal tali skambji, bħal skont ir-Regolamenti (UE) 2018/1860[50], (UE) 2018/1861[51], (UE) 2018/1862[52], u (UE) 2016/794[53] tal-Parlament Ewropew u

47 Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19).

48 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 89).

49 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27).

50 Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1).

51 Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14).

tal-Kunsill, id-Direttivi (UE) 2016/681[54] u 2019/1153[55] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI[56] u 2008/616/ĠAI[57].

(8) Din id-Direttiva ma tirregolax l-għoti u l-użu ta' informazzjoni bħala evidenza fi proċedimenti ġudizzjarji. B'mod partikolari, hija ma għandhiex tinftiehem bħala li tistabbilixxi dritt għall-użu tal-informazzjoni pprovduta skont din id-Direttiva bħala evidenza u, konsegwentement, tħalli kwalunkwe rekwiżit previst fil-liġi applikabbli biex jinkiseb il-kunsens mill-Istat Membru li jipprovdi l-informazzjoni għal tali użu mhux affettwat. Din id-Direttiva tħalli l-atti tad-dritt tal-Unjoni dwar l-evidenza, bħar-Regolament (UE) …/…[58] [*dwar l-Ordnijiet Ewropej ta' Produzzjoni u Preservazzjoni għall-evidenza elettronika f'materji kriminali*] u d-Direttiva (UE) …/…[59] [*li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-fini tal-ġbir ta' evidenza fi proċedimenti kriminali*], mhux affettwati.

(9) Jenħtieġ li l-iskambji kollha ta' informazzjoni skont din id-Direttiva jkunu soġġetti għal tliet prinċipji ġenerali, jiġifieri dawk tad-disponibbiltà, l-aċċess ekwivalenti u l-kunfidenzjalità. Filwaqt li dawk il-prinċipji huma mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet aktar speċifiċi ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li huma jiggwidaw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tagħha fejn rilevanti. Pereżempju, il-prinċipju tad-disponibbiltà jenħtieġ li jinftiehem bħala li jindika li l-informazzjoni rilevanti disponibbli għall-Punt Uniku ta' Kuntatt jew għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru wieħed jenħtieġ li tkun disponibbli wkoll, kemm jista' jkun, għal dawk ta' Stati Membri oħrajn. Madankollu, jenħtieġ li l-prinċipju ma jaffettwax l-applikazzjoni, fejn ikun ġustifikat, ta' dispożizzjonijiet speċifiċi ta' din id-Direttiva li jirrestrinġu d-disponibbiltà tal-informazzjoni, bħal dawk għar-raġunijiet ta' rifjut ta' talbiet għal informazzjoni u awtorizzazzjoni ġudizzjarja. Barra minn hekk, skont il-prinċipju ta' aċċess ekwivalenti, l-aċċess tal-Punt Uniku ta' Kuntatt u tal-awtoritajiet

---

52 Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).

53 Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

54 Id-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' *data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 132).

55 Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 122).

56 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1).

57 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12). Proposta għal Regolament dwar l-iskambju awtomatizzat ta' *data* għall-kooperazzjoni tal-pulizija ("Prüm II"), bil-ħsieb li jitħassru partijiet minn dawk id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill.

58 Proposta għal Regolament, COM/2018/225 final - 2018/0108 (COD).

59 Proposta għal Direttiva, COM/2018/226 final - 2018/0107 (COD).

tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri oħrajn għal informazzjoni rilevanti jenħtieġ li jkun sostanzjalment l-istess bħal, u b'hekk la jkun aktar strett u lanqas inqas strett minn, l-aċċess ta' dawk tal-istess Stat Membru wieħed, soġġett għad-dispożizzjonijiet aktar speċifiċi tad-Direttiva.

(10) Sabiex jintlaħaq l-objettiv li jiġi ffaċilitat u żgurat l-iskambju adegwat u rapidu ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għall-kisba ta' tali informazzjoni billi tiġi indirizzata talba għal informazzjoni lill-Punt Uniku ta' Kuntatt tal-Istat Membru l-ieħor ikkonċernat, f'konformità ma' ċerti rekwiżiti ċari, simplifikati u armonizzati. Fir-rigward tal-kontenut ta' tali talbiet għal informazzjoni, jenħtieġ li b'mod partikolari jiġi speċifikat, b'mod eżawrjenti u dettaljat biżżejjed u mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa ta' valutazzjoni każ b'każ, meta dawn għandhom jitqiesu bħala urġenti u liema spjegazzjonijiet għandhom jinkludu bħala minimu.

(11) Filwaqt li jenħtieġ li l-Punti Uniċi ta' Kuntatt ta' kull Stat Membru fi kwalunkwe każ ikollhom il-possibbiltà li jissottomettu talbiet għal informazzjoni lill-Punt Uniku ta' Kuntatt ta' Stat Membru ieħor, fl-interess tal-flessibbiltà, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jiddeċiedu li, barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jistgħu wkoll jissottomettu tali talbiet. Sabiex il-Punti Uniċi ta' Kuntatt ikunu jistgħu jwettqu l-funzjonijiet ta' koordinazzjoni tagħhom skont din id-Direttiva, madankollu huwa meħtieġ li, meta Stat Membru jieħu tali deċiżjoni, il-Punt Uniku ta' Kuntatt tiegħu jiġi mgħarraf bit-talbiet kollha li joħorġu bħal dawn, kif ukoll kwalunkwe komunikazzjoni relatata magħha, billi dejjem jiġi inkluż fil-korrispondenza.

(12) Huma meħtieġa limiti ta' żmien biex jiġi żgurat l-ipproċessar rapidu tat-talbiet għal informazzjoni sottomessi lil Punt Uniku ta' Kuntatt. Jenħtieġ li tali limiti ta' żmien ikunu ċari u proporzjonati u jqisu jekk it-talba għall-informazzjoni hijiex urġenti u jekk hijiex meħtieġa awtorizzazzjoni ġudizzjarja minn qabel. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-limiti ta' żmien applikabbli, filwaqt li madankollu jkun permess grad ta' flessibbiltà fejn ikun oġġettivament ġustifikat, huwa meħtieġ li, fuq bażi eċċezzjonali, jiġu permessi devjazzjonijiet biss meta, u sa fejn, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru rikjest tkun teħtieġ żmien addizzjonali biex tiddeċiedi dwar l-għoti tal-awtorizzazzjoni ġudizzjarja meħtieġa. Tali ħtieġa tista' tinħoloq, pereżempju, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' jew il-kumplessità tal-kwistjonijiet imqajma mit-talba għal informazzjoni.

(13) F'każijiet eċċezzjonali, jista' jkun oġġettivament ġustifikat li Stat Membru jirrifjuta talba għal informazzjoni sottomessa lil Punt Uniku ta' Kuntatt. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tas-sistema maħluqa minn din id-Direttiva, jenħtieġ li dawk il-każijiet jiġu speċifikati u interpretati b'mod restrittiv. Meta partijiet biss mill-informazzjoni kkonċernata minn tali talba għal informazzjoni jkunu jirrigwardjaw ir-raġunijiet għar-rifjut tat-talba, l-informazzjoni li jifdal għandha tiġi pprovduta fil-limiti ta' żmien stabbiliti minn din id-Direttiva. Jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għall-possibbiltà li jintalbu kjarifiki, li jenħtieġ li jissospendu l-limiti ta' żmien applikabbli. Madankollu, tali possibbiltà jenħtieġ li tkun teżisti biss meta l-kjarifiki jkunu oġġettivament meħtieġa u proporzjonati, fis-sens li t-talba għal informazzjoni inkella jkollha tiġi rrifjutata għal waħda mir-raġunijiet elenkati f'din id-Direttiva. Fl-interess ta' kooperazzjoni effettiva, jenħtieġ li jibqa' possibbli li jintalbu l-kjarifiki meħtieġa anke f'sitwazzjonijiet oħrajn, madankollu mingħajr ma dan iwassal għal sospensjoni tal-limiti ta' żmien.

(14) Sabiex tkun permessa l-flessibbiltà meħtieġa fid-dawl tal-ħtiġijiet operattivi li jistgħu jvarjaw fil-prattika, jenħtieġ li jiġu previsti żewġ mezzi oħrajn ta' skambju ta' informazzjoni, minbarra t-talbiet għal informazzjoni sottomessi lill-Punti Uniċi ta' Kuntatt. L-ewwel wieħed huwa l-għoti spontanju ta' informazzjoni, jiġifieri fuq inizjattiva proprja jew tal-Punt Uniku ta' Kuntatt jew inkella tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi mingħajr talba minn qabel. It-tieni wieħed huwa l-għoti ta' informazzjoni fuq talbiet għal informazzjoni sottomessi jew mill-Punti Uniċi ta' Kuntatt jew inkella mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi mhux lill-Punt Uniku ta' Kuntatt, iżda pjuttost direttament lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru ieħor. Fir-rigward taż-żewġ mezzi, jenħtieġ li jiġi stabbilit biss għadd limitat ta' rekwiżiti minimi, b'mod partikolari dwar iż-żamma tal-Punti Uniċi ta' Kuntatt informati u, fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni fuq inizjattiva proprja, is-sitwazzjonijiet li fihom għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni u l-lingwa li għandha tintuża.

(15) Ir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni ġudizzjarja minn qabel għall-għoti ta' informazzjoni jista' jkun salvagwardja importanti. Is-sistemi legali tal-Istati Membri huma differenti f'dan ir-rigward u jenħtieġ li din id-Direttiva ma tinftiehemx bħala li taffettwa tali rekwiżiti stabbiliti skont il-liġi nazzjonali, minbarra li tagħmilhom soġġetti għall-kundizzjoni li l-iskambji domestiċi u l-iskambji bejn l-Istati Membri jiġu ttrattati b'mod ekwivalenti, kemm fis-sustanza kif ukoll proċeduralment. Barra minn hekk, sabiex kwalunkwe dewmien u kumplikazzjonijiet relatati mal-applikazzjoni ta' tali rekwiżit jinżammu f'livell minimu, il-Punt Uniku ta' Kuntatt jew l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, kif applikabbli, tal-Istat Membru tal-awtorità ġudizzjarja kompetenti jenħtieġ li jieħdu l-passi prattiċi u legali kollha, fejn rilevanti f'kooperazzjoni mal-Punt Uniku ta' Kuntatt jew mal-awtorità tal-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru ieħor li talab l-informazzjoni, sabiex l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja tinkiseb kemm jista' jkun malajr.

(16) Huwa partikolarment importanti li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-*data* personali, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, b'rabta mal-iskambji kollha ta' informazzjoni skont din id-Direttiva. Għal dak l-għan, jenħtieġ li r-regoli ta' din id-Direttiva jiġu allinjati mad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60]. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi speċifikat li kwalunkwe *data* personali skambjata minn Punti Uniċi ta' Kuntatt u mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għandha tibqa' limitata għall-kategoriji ta' *data* elenkati fil-punt 2 tat-Taqsima B tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61]. Barra minn hekk, sa fejn ikun possibbli, kwalunkwe *data* personali bħal din jenħtieġ li tiġi distinta skont il-grad ta' akkuratezza u affidabbiltà tagħha, fejn il-fatti jenħtieġ li jiġu distinti minn valutazzjonijiet personali, sabiex jiġu żgurati kemm il-protezzjoni tal-individwi kif ukoll il-kwalità u l-affidabbiltà tal-informazzjoni skambjata. Jekk jidher li d-*data* personali hija skorretta, jenħtieġ li din tiġi kkoreġuta jew imħassra mingħajr dewmien.

---

60 Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

61 Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

Tali rettifika jew tħassir, kif ukoll kwalunkwe pproċessar ieħor ta' *data* personali b'rabta mal-attivitajiet skont din id-Direttiva, jenħtieġ li jitwettqu f'konformità mar-regoli applikabbli tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva (UE) 2016/680 u r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62], liema regoli jitħallew mhux affettwati minn din id-Direttiva.

(17) Sabiex ikun hemm għoti adegwat u rapidu ta' informazzjoni minn Punti Uniċi ta' Kuntatt, fuq talba jew fuq inizjattiva tagħhom stess, huwa importanti li l-uffiċjali rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati jifhmu lil xulxin. L-ostakli lingwistiċi spiss ifixklu l-iskambju transfruntier tal-informazzjoni. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l-użu tal-lingwi li bihom għandhom jiġu pprovduti t-talbiet għal informazzjoni sottomessi lill-Punti Uniċi ta' Kuntatt, l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Punti Uniċi ta' Kuntatt, kif ukoll kwalunkwe komunikazzjoni oħra relatata magħhom, bħal dwar rifjuti u kjarifiki. Jenħtieġ li dawk ir-regoli jilħqu bilanċ bejn, minn naħa, ir-rispett tad-diversità lingwistika fl-Unjoni u ż-żamma tal-ispejjeż tat-traduzzjoni kemm jista' jkun limitati u, min-naħa l-oħra, il-ħtiġijiet operattivi assoċjati ma' skambji adegwati u rapidi ta' informazzjoni bejn il-fruntieri. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu lista li jkun fiha lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-Unjoni tal-għażla tagħhom, iżda li jkun fiha wkoll lingwa waħda li tinftiehem u tintuża b'mod wiesa' fil-prattika, jiġifieri l-Ingliż.

(18) L-iżvilupp ulterjuri tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) bħala ċ-ċentru ta' informazzjoni kriminali tal-Unjoni huwa prijorità. Huwa għalhekk li, meta tiġi skambjata informazzjoni jew kwalunkwe komunikazzjoni relatata, irrispettivament minn jekk dan isirx skont talba għal informazzjoni sottomessa lil Punt Uniku ta' Kuntatt jew lil awtorità tal-infurzar tal-liġi, jew fuq l-inizjattiva tagħhom stess, jenħtieġ li tintbagħat kopja lill-Europol, madankollu biss sa fejn tkun tikkonċerna reati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi tal-Europol. Fil-prattika, dan jista' jsir permezz tal-immarkar awtomatiku tal-kaxxa korrispondenti tas-SIENA.

(19) Il-proliferazzjoni tal-mezzi ta' komunikazzjoni użati għat-trażmissjoni ta' informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi bejn l-Istati Membri u tal-komunikazzjonijiet relatati magħhom jenħtieġ li tiġi rrimedjata, minħabba li xxekkel l-iskambju adegwat u rapidu ta' tali informazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-użu tal-applikazzjoni ta' network għall-iskambju sikur ta' informazzjoni msejħa SIENA, ġestita mill-Europol f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794, isir obbligatorju għal dawn it-trażmissjonijiet u l-komunikazzjonijiet kollha skont din id-Direttiva, inklużi t-trażmissjoni tat-talbiet għal informazzjoni lill-Punti Uniċi ta' Kuntatt u direttament lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-għoti ta' informazzjoni fuq tali talbiet u fuq l-inizjattiva tagħhom stess, il-komunikazzjonijiet dwar ir-rifjuti u l-kjarifiki, kif ukoll il-kopji lill-Punti Uniċi ta' Kuntatt u lill-Europol. Għal dak l-għan, il-Punti Uniċi ta' Kuntatt kollha, kif ukoll l-awtoritajiet kollha tal-infurzar tal-liġi li jistgħu jkunu involuti f'tali skambji, jenħtieġ li jkunu marbuta direttament mas-SIENA. Madankollu, f'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi previst perjodu ta' tranżizzjoni sabiex tkun tista' ssir l-introduzzjoni sħiħa tas-SIENA.

[62] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(20) Sabiex jissimplifikaw, jiffaċilitaw u jiġġestixxu aħjar il-flussi tal-informazzjoni, jenħtieġ li kull Stat Membru jistabbilixxi jew jaħtar Punt Uniku ta' Kuntatt kompetenti għall-koordinazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Punti Uniċi ta' Kuntatt jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-mitigazzjoni tal-frammentazzjoni tax-xenarju tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, speċifikament b'rabta mal-flussi tal-informazzjoni, b'reazzjoni għall-ħtieġa dejjem tikber li tiġi indirizzata b'mod konġunt il-kriminalità transfruntiera, bħat-traffikar tad-droga u t-terroriżmu. Sabiex il-Punti Uniċi ta' Kuntatt ikunu jistgħu jissodisfaw b'mod effettiv il-funzjonijiet ta' koordinazzjoni tagħhom fir-rigward tal-iskambju transfruntier ta' informazzjoni għal finijiet ta' infurzar tal-liġi skont din id-Direttiva, jenħtieġ li huma jiġu assenjati għadd ta' kompiti speċifiċi u minimi u jkollhom ukoll ċerti kapaċitajiet minimi.

(21) Dawk il-kapaċitajiet tal-Punti Uniċi ta' Kuntatt jenħtieġ li jinkludu l-aċċess għall-informazzjoni kollha disponibbli fl-Istat Membru tagħhom stess, inkluż billi jkollhom aċċess faċli għall-utenti għall-bażijiet tad-*data* u l-pjattaformi rilevanti kollha tal-Unjoni u internazzjonali, f'konformità mal-modalitajiet speċifikati fid-dritt tal-Unjoni u fil-liġi nazzjonali applikabbli. Sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, speċjalment dawk dwar il-limiti ta' żmien, jenħtieġ li l-Punti Uniċi ta' Kuntatt jiġu pprovduti b'riżorsi adegwati, inklużi kapaċitajiet adegwati ta' traduzzjoni, u jiffunzjonaw il-ħin kollu. F'dak ir-rigward, il-fatt li jkun hemm front desk li jkun jista' jiskrinja, jipproċessa u jidderieġi t-talbiet għal informazzjoni li jidħlu jista' jżid l-effiċjenza u l-effettività tagħhom. Jenħtieġ li dawk il-kapaċitajiet jinkludu wkoll li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom, il-ħin kollu, awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti biex jagħtu l-awtorizzazzjonijiet ġudizzjarji meħtieġa. Fil-prattika, dan jista' jsir, pereżempju, billi tiġi żgurata l-preżenza fiżika jew id-disponibbiltà funzjonali ta' tali awtoritajiet ġudizzjarji, jew fil-bini tal-Punt Uniku ta' Kuntatt jew inkella direttament disponibbli fuq sejħa.

(22) Sabiex ikunu jistgħu jwettqu b'mod effettiv il-funzjonijiet ta' koordinazzjoni tagħhom skont din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Punti Uniċi ta' Kuntatt ikunu magħmula minn rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, li l-involviment tagħhom ikun meħtieġ għall-iskambju adegwat u rapidu ta' informazzjoni skont din id-Direttiva. Filwaqt li huwa f'idejn kull Stat Membru li jiddeċiedi dwar l-organizzazzjoni u l-kompożizzjoni preċiżi meħtieġa biex jiġi ssodisfat dak ir-rekwiżit, tali rappreżentanti jistgħu jinkludu l-pulizija, id-dwana u awtoritajiet oħrajn tal-infurzar tal-liġi kompetenti għall-prevenzjoni, is-sejbien jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali, kif ukoll punti ta' kuntatt possibbli għall-uffiċċji reġjonali u bilaterali, bħall-uffiċjali ta' kollegament u l-attachés issekondati jew stazzjonati fi Stati Membri oħrajn u aġenziji rilevanti tal-Unjoni għall-infurzar tal-liġi, bħall-Europol. Madankollu, fl-interess ta' koordinazzjoni effettiva, bħala minimu, jenħtieġ li l-Punti Uniċi ta' Kuntatt ikunu magħmula minn rappreżentanti tal-unità nazzjonali tal-Europol, tal-Uffiċċju SIRENE, tal-unità tal-informazzjoni dwar il-passiġġieri u tal-Uffiċċju Ċentrali Nazzjonali tal-Interpol, kif stabbilit skont il-leġiżlazzjoni rilevanti u minkejja li din id-Direttiva ma tkunx applikabbli għall-iskambji ta' informazzjoni speċifikament regolati minn tali leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(23) Il-varar u t-tħaddim ta' Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet elettronika unika li jkollha ċerti funzjonijiet u kapaċitajiet minimi mill-Punti Uniċi ta' Kuntatt huma meħtieġa biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom skont din id-Direttiva b'mod effettiv u effiċjenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni tal-informazzjoni.

(24) Sabiex ikunu jistgħu jsiru l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni meħtieġa tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiġbru u jipprovdu kull sena ċerta *data* lill-Kummissjoni. Dan ir-rekwiżit huwa meħtieġ, b'mod partikolari, biex jirrimedja n-nuqqas ta' *data* komparabbli li tikkwantifika l-iskambji ta' informazzjoni rilevanti u jiffaċilita wkoll l-obbligu ta' rapportar tal-Kummissjoni.

(25) In-natura transfruntiera tal-kriminalità u tat-terroriżmu tirrikjedi li l-Istati Membri jiddependu fuq xulxin biex jindirizzaw tali reati kriminali. Flussi ta' informazzjoni adegwati u rapidi bejn l-awtoritajiet rilevanti tal-infurzar tal-liġi u l-Europol ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu weħidhom. Minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, dan jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni permezz tal-istabbiliment ta' regoli komuni dwar l-iskambju ta' informazzjoni. B'hekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(26) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma hijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u ma hijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Minħabba li din id-Direttiva tibni fuq l-acquis ta' Schengen, jenħtieġ li d-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Direttiva, jekk hijiex se timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

(27) Din id-Direttiva tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fih tieħu sehem l-Irlanda, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE[63]; Għalhekk, l-Irlanda qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u hija marbuta biha.

(28) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Direttiva tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mir-Repubblika tal-Iżlanda u mir-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[64] li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt H tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[65].

(29) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[66] li jaqgħu fi ħdan il-qasam imsemmi fil-punt H tal-Artikolu 1 tad-

---

63 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002).

64 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

65 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999).

66 ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE[67] u mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/ĠAI[68].

(30) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Direttiva tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont it-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[69] li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt H tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/EU[70] u mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE[71],

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## Il-Kapitolu I

## Dispożizzjonijiet ġenerali

*Artikolu 1*

***Suġġett u kamp ta' applikazzjoni***

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, fejn meħtieġ, għall-fini tal-prevenzjoni, is-sejbien jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali.

B'mod partikolari, din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar:

---

67 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008).

68 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/ĠAI tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008).

69 ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

70 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011).

71 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat b'mod partikolari mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija (ĠU L 160, 18.6.2011).

(a) talbiet għal informazzjoni sottomessi lill-Punti Uniċi ta' Kuntatt stabbiliti jew maħtura mill-Istati Membri, b'mod partikolari dwar il-kontenut ta' tali talbiet, il-limiti ta' żmien obbligatorji għall-għoti tal-informazzjoni mitluba, ir-raġunijiet għar-rifjut ta' tali talbiet u l-mezz ta' komunikazzjoni li għandu jintuża b'rabta ma' tali talbiet;

(b) l-għoti fuq inizjattiva proprja tal-informazzjoni rilevanti lill-Punti Uniċi ta' Kuntatt jew lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri oħrajn, b'mod partikolari s-sitwazzjonijiet u l-mod li bih għandha tiġi pprovduta tali informazzjoni;

(c) il-mezz ta' komunikazzjoni li għandu jintuża għall-iskambji kollha ta' informazzjoni u l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-Punti Uniċi ta' Kuntatt b'rabta mal-iskambji ta' informazzjoni direttament bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri;

(d) l-istabbiliment, il-kompiti, il-kompożizzjoni u l-kapaċitajiet tal-Punt Uniku ta' Kuntatt, inkluż dwar il-varar ta' Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet elettronika unika għat-twettiq tal-kompiti tiegħu.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal skambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri għall-fini tal-prevenzjoni, is-sejbien jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali li huma speċifikament regolati minn atti oħrajn tad-dritt tal-Unjoni.

3. Din id-Direttiva ma timponi l-ebda obbligu fuq l-Istati Membri biex:

(a) jiksbu informazzjoni permezz ta' miżuri koerċittivi, meħuda f'konformità mal-liġi nazzjonali, bl-iskop li din tiġi pprovduta lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri oħrajn;

(b) jaħżnu informazzjoni għall-iskop imsemmi fil-punt (a);

(c) jipprovdu informazzjoni lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri oħrajn sabiex tintuża bħala evidenza fi proċedimenti ġudizzjarji

4. Din id-Direttiva ma tistabbilixxi l-ebda dritt li l-informazzjoni pprovduta f'konformità ma' din id-Direttiva tintuża bħala evidenza fi proċedimenti ġudizzjarji.

*Artikolu 2*

***Definizzjonijiet***

Għall-fini ta' din id-Direttiva:

(1) "awtorità tal-infurzar tal-liġi" tfisser kwalunkwe awtorità tal-Istati Membri kompetenti skont il-liġi nazzjonali għall-fini tal-prevenzjoni, is-sejbien jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali;

(2) "reati kriminali" tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) ir-reati msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI[72];

(b) ir-reati msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2016/794;

(c) ir-reati fiskali relatati ma' taxxi diretti u indiretti, kif stipulat fil-liġi nazzjonali;

(3) "informazzjoni" tfisser kwalunkwe kontenut li jikkonċerna persuna fiżika waħda jew aktar, fatti jew ċirkostanzi rilevanti għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi b'rabta mal-eżerċitar tal-kompiti tagħhom skont il-liġi nazzjonali tal-prevenzjoni, is-sejbien jew l-investigazzjoni ta' reati kriminali;

(4) informazzjoni "disponibbli" tfisser informazzjoni li tinżamm jew mill-Punt Uniku ta' Kuntatt jew inkella mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istat Membru rikjest, jew informazzjoni li dawk il-Punti Uniċi ta' Kuntatt jew dawk l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jiksbu mingħand awtoritajiet pubbliċi oħrajn jew mingħand partijiet privati stabbiliti f'dak l-Istat Membru mingħajr miżuri koerċittivi;

(5) "SIENA" tfisser l-applikazzjoni ta' network għall-iskambju sikur ta' informazzjoni, ġestita mill-Europol, immirata biex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Europol;

(6) "*data* personali" tfisser *data* personali kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679.

*Artikolu 3*

***Prinċipji tal-iskambju ta' informazzjoni***

L-Istati Membri għandhom, b'rabta mal-iskambji kollha ta' informazzjoni skont din id-Direttiva, jiżguraw li:

(a) kwalunkwe informazzjoni rilevanti disponibbli għall-Punt Uniku ta' Kuntatt jew għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tiġi pprovduta lill-Punt Uniku ta' Kuntatt jew lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri oħrajn ("il-prinċipju tad-disponibbiltà");

(b) il-kundizzjonijiet biex tintalab l-informazzjoni mingħand il-Punt Uniku ta' Kuntatt jew l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri oħrajn, u dawk biex tiġi pprovduta informazzjoni lill-Punti Uniċi ta' Kuntatt u lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri oħrajn, ikunu ekwivalenti għal dawk applikabbli sabiex tintalab informazzjoni simili mingħand l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom stess u sabiex tiġi pprovduta lilhom ("il-prinċipju tal-aċċess ekwivalenti");

(c) l-informazzjoni pprovduta lill-Punt Uniku ta' Kuntatt jew lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru ieħor li tkun immarkata bħala kunfidenzjali tiġi protetta minn dawk l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi f'konformità mar-

[72] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1).

rekwiżiti stabbiliti fil-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru li joffri livell simili ta' kunfidenzjalità ("il-prinċipju tal-kunfidenzjalità").

## Kapitolu II

## Skambji ta' informazzjoni permezz tal-Punti Uniċi ta' Kuntatt

### *Artikolu 4*
### ***Talbiet għal informazzjoni lill-Punt Uniku ta' Kuntatt***

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom u, fejn ikunu ddeċidew hekk, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jissottomettu talbiet għal informazzjoni lill-Punti Uniċi ta' Kuntatt ta' Stati Membri oħrajn f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 5.

   Meta Stat Membru jkun iddeċieda li, minbarra l-Punt Uniku ta' Kuntatt tiegħu, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tiegħu jistgħu wkoll jissottomettu talbiet għal informazzjoni lill-Punti Uniċi ta' Kuntatt ta' Stati Membri oħrajn, huwa għandu jiżgura li dawk l-awtoritajiet jibagħtu, fl-istess ħin li jissottomettu tali talbiet, kopja ta' dawk it-talbiet, u ta' kwalunkwe komunikazzjoni oħra relatata magħhom, lill-Punt Uniku ta' Kuntatt ta' dak l-Istat Membru.

2. It-talbiet għal informazzjoni lill-Punt Uniku ta' Kuntatt ta' Stat Membru ieħor għandhom jiġu sottomessi biss meta jkun hemm raġunijiet oġġettivi biex wieħed jemmen li:

   (a) l-informazzjoni mitluba tkun meħtieġa u proporzjonata biex jintlaħaq l-iskop imsemmi fl-Artikolu 1(1);

   (b) l-informazzjoni mitluba tkun disponibbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istat Membru rikjest.

3. Kwalunkwe talba għal informazzjoni lill-Punt Uniku ta' Kuntatt ta' Stat Membru ieħor għandha tispeċifika jekk hijiex urġenti jew le.

   Dawk it-talbiet għal informazzjoni għandhom jitqiesu urġenti jekk, wara li jitqiesu l-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni, ikun hemm raġunijiet oġġettivi biex wieħed jemmen li l-informazzjoni mitluba hija waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

   (a) essenzjali għall-prevenzjoni ta' theddida immedjata u serja għas-sigurtà pubblika ta' Stat Membru;

   (b) meħtieġa sabiex jiġu protetti l-interessi vitali ta' persuna li jkunu f'riskju imminenti;

   (c) meħtieġa biex tiġi adottata deċiżjoni li tista' tinvolvi ż-żamma ta' miżuri restrittivi li jammontaw għal ċaħda tal-libertà;

(d) f'riskju imminenti li titlef ir-rilevanza jekk ma tiġix ipprovduta b'mod urġenti.

4. It-talbiet għal informazzjoni lill-Punt Uniku ta' Kuntatt ta' Stat Membru ieħor għandu jkun fihom l-ispjegazzjonijiet kollha meħtieġa biex jippermettu l-ipproċessar adegwat u rapidu tagħhom f'konformità ma' din id-Direttiva, inklużi mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) speċifikazzjoni tal-informazzjoni mitluba li tkun dettaljata kemm jista' jkun raġonevolment possibbli fiċ-ċirkostanzi partikolari;

(b) deskrizzjoni tal-iskop li għalih tintalab l-informazzjoni;

(c) ir-raġunijiet oġġettivi li skonthom huwa maħsub li l-informazzjoni mitluba hija disponibbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istat Membru rikjest;

(d) spjegazzjoni tal-konnessjoni bejn l-iskop u l-persuna jew il-persuni li magħhom hija relatata l-informazzjoni, fejn applikabbli;

(e) ir-raġunijiet li għalihom it-talba titqies bħala urġenti, fejn applikabbli.

5. It-talbiet għal informazzjoni lill-Punt Uniku ta' Kuntatt ta' Stat Membru ieħor għandhom jiġu sottomessi b'waħda mil-lingwi inklużi fil-lista stabbilita mill-Istat Membru rikjest u ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 11.

*Artikolu 5*

***L-għoti ta' informazzjoni skont it-talbiet lill-Punt Uniku ta' Kuntatt***

1. Soġġetti għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u għall-Artikolu 6(3), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom jipprovdi l-informazzjoni mitluba f'konformità mal-Artikolu 4 mill-aktar fis possibbli u, fi kwalunkwe każ, fil-limiti ta' żmien li ġejjin, kif applikabbli:

(a) tmien sigħat, għal talbiet urġenti relatati ma' informazzjoni li tkun disponibbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istat Membru rikjest mingħajr ma jkollhom bżonn jiksbu awtorizzazzjoni ġudizzjarja;

(b) tlett ijiem kalendarji, għal talbiet urġenti relatati ma' informazzjoni li tkun disponibbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istat Membru rikjest soġġett għal rekwiżit li tinkiseb awtorizzazzjoni ġudizzjarja;

(c) sebat ijiem kalendarji, għat-talbiet kollha li ma humiex urġenti.

Il-perjodi ta' żmien stipulati fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew fil-mument li tasal it-talba għall-informazzjoni.

2. Meta skont il-liġi nazzjonali tiegħu f'konformità mal-Artikolu 9 l-informazzjoni mitluba tkun disponibbli biss wara li tkun inkisbet awtorizzazzjoni ġudizzjarja, l-Istat Membru rikjest jista' jiddevja mil-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 1 sa fejn ikun meħtieġ biex tinkiseb tali awtorizzazzjoni.

F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom jagħmel dawn it-tnejn li ġejjin:

(i) jinforma minnufih lill-Punt Uniku ta' Kuntatt jew, fejn applikabbli, lill-awtorità tal-infurzar tal-liġi tal-Istat Membru rikjedenti dwar id-dewmien mistenni, filwaqt li jispeċifika t-tul tad-dewmien mistenni u r-raġunijiet għal dan;

(ii) sussegwentement iżommhom aġġornati u jipprovdi l-informazzjoni mitluba mill-aktar fis possibbli wara li jikseb l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom jipprovdi l-informazzjoni mitluba f'konformità mal-Artikolu 4 lill-Punt Uniku ta' Kuntatt jew, fejn applikabbli, lill-awtorità tal-infurzar tal-liġi tal-Istat Membru rikjedenti, bil-lingwa li biha ġiet sottomessa dik it-talba għal informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 4(5).

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom jipprovdi l-informazzjoni mitluba lill-awtorità tal-infurzar tal-liġi tal-Istat Membru rikjedenti, huwa jibgħat ukoll, fl-istess ħin, kopja tal-informazzjoni lill-Punt Uniku ta' Kuntatt ta' dak l-Istat Membru.

*Artikolu 6*
***Ir-rifjuti ta' talbiet għal informazzjoni***

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom jirrifjuta biss li jipprovdi l-informazzjoni mitluba f'konformità mal-Artikolu 4 sa fejn tapplika kwalunkwe waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) l-informazzjoni mitluba ma tkunx disponibbli għall-Punt Uniku ta' Kuntatt u għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istat Membru rikjest;

(b) it-talba għal informazzjoni ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4;

(c) l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja meħtieġa skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjest f'konformità mal-Artikolu 9 tkun ġiet irrifjutata;

(d) l-informazzjoni mitluba tikkostitwixxi *data* personali għajr dik li taqa' fil-kategoriji ta' *data* personali msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 10;

(e) ikun hemm raġunijiet oġġettivi biex wieħed jemmen li l-għoti tal-informazzjoni mitluba:

(i) imur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Istat Membru rikjest;

(ii) jipperikola s-suċċess ta' investigazzjoni li tkun għaddejja ta' reat kriminali; jew;

(iii) jikkaġuna ħsara bla bżonn lill-interessi vitali ta' persuna fiżika jew ġuridika.

Kwalunkwe rifjut għandu jaffettwa biss il-parti tal-informazzjoni mitluba li magħha jkunu relatati r-raġunijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu u għandu, fejn applikabbli,

iħalli l-obbligu li jiġu pprovduti l-partijiet l-oħrajn tal-informazzjoni f'konformità ma' din id-Direttiva mhux affettwat.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom jinforma lill-Punt Uniku ta' Kuntatt jew, fejn applikabbli, lill-awtorità tal-infurzar tal-liġi tal-Istat Membru rikjedenti bir-rifjut, filwaqt li jispeċifika r-raġunijiet għar-rifjut, fil-limiti ta' żmien previsti fl-Artikolu 5(1).

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom jitlob minnufih kjarifiki addizzjonali meħtieġa biex tiġi pproċessata talba għal informazzjoni li altrimenti kien ikollha tiġi rrifjutata mill-Punt Uniku ta' Kuntatt jew, fejn applikabbli, mill-awtorità tal-infurzar tal-liġi tal-Istat Membru rikjedenti.

Il-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 5(1) għandhom jiġu sospiżi mill-mument li l-Punt Uniku ta' Kuntatt jew, fejn applikabbli, l-awtorità tal-infurzar tal-liġi tal-Istat Membru rikjedenti jirċievu t-talba għal kjarifiki, sal-mument li l-Punt Uniku ta' Kuntatt tal-Istat Membru rikjest jirċievi l-kjarifiki.

4. Ir-rifjuti, ir-raġunijiet għar-rifjuti, it-talbiet għal kjarifiki u l-kjarifiki msemmija fil-paragrafi 3 u 4, kif ukoll kwalunkwe komunikazzjoni oħra relatata mat-talbiet għal informazzjoni lill-Punt Uniku ta' Kuntatt ta' Stat Membru ieħor, għandhom jiġu trażmessi bil-lingwa li biha tkun ġiet sottomessa t-talba f'konformità mal-Artikolu 4(5).

## Kapitolu III

## Skambji oħrajn ta' informazzjoni

### *Artikolu 7*
### ***L-għoti ta' informazzjoni fuq inizjattiva proprja***

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom jew l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jipprovdu, fuq inizjattiva tagħhom stess, kwalunkwe informazzjoni disponibbli għalihom lill-Punti Uniċi ta' Kuntatt jew lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri oħrajn, fejn ikun hemm raġunijiet oġġettivi biex jemmnu li tali informazzjoni tista' tkun rilevanti għal dak l-Istat Membru għall-iskop imsemmi fl-Artikolu 1(1). Madankollu, l-ebda obbligu bħal dan ma għandu jeżisti sa fejn japplikaw ir-raġunijiet imsemmija fil-punti (ċ), (d) jew (e) tal-Artikolu 6(1) fir-rigward ta' tali informazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom jew l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jipprovdu informazzjoni fuq inizjattiva tagħhom stess f'konformità mal-paragrafu 1, huma jagħmlu dan b'waħda mil-lingwi inklużi fil-lista stabbilita mill-Istat Membru rikjest u ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 11.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom jew l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jipprovdu tali informazzjoni lill-awtorità tal-

infurzar tal-liġi ta' Stat Membru ieħor, huma jibagħtu wkoll, fl-istess ħin, kopja ta' dik l-informazzjoni lill-Punt Uniku ta' Kuntatt ta' dak l-Istat Membru l-ieħor.

*Artikolu 8*

***Skambji ta' informazzjoni fuq talbiet sottomessi direttament lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi***

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-Punti Uniċi ta' Kuntatt jew l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jissottomettu talbiet għal informazzjoni direttament lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru ieħor, il-Punti Uniċi ta' Kuntatt tagħhom jew l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jipprovdu, fl-istess ħin li jibagħtu tali talbiet, informazzjoni skont tali talbiet jew jibagħtu kwalunkwe komunikazzjoni oħra relatata magħhom, kopja tagħhom lill-Punt Uniku ta' Kuntatt ta' dak l-Istat Membru l-ieħor, kif ukoll, meta l-konsenjatur ikun awtorità tal-infurzar tal-liġi, lill-Punt Uniku ta' Kuntatt tal-Istat Membru tiegħu stess.

## Kapitolu IV

## Regoli addizzjonali dwar l-għoti ta' informazzjoni skont il-Kapitoli II u III

*Artikolu 9*

***Awtorizzazzjoni ġudizzjarja***

1. L-Istati Membri ma għandhom jirrikjedu l-ebda awtorizzazzjoni ġudizzjarja għall-għoti ta' informazzjoni lill-Punti Uniċi ta' Kuntatt jew lill-awtorità tal-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru ieħor skont il-Kapitoli II u III, fejn ma japplika l-ebda rekwiżit bħal dan fir-rigward tal-għoti simili ta' informazzjoni lill-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom stess jew lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom stess.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn il-liġi nazzjonali tagħhom tkun tirrikjedi awtorizzazzjoni ġudizzjarja għall-għoti ta' informazzjoni lill-Punti Uniċi ta' Kuntatt jew lill-awtorità tal-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru ieħor f'konformità mal-paragrafu 1, il-Punti Uniċi ta' Kuntatt tagħhom jew l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa minnufih, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, sabiex jiksbu tali awtorizzazzjoni ġudizzjarja mill-aktar fis possibbli.

3. It-talbiet għal awtorizzazzjoni ġudizzjarja msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu vvalutati u deċiżi f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tal-awtorità ġudizzjarja kompetenti.

*Artikolu 10*

***Regoli addizzjonali għal informazzjoni li tikkostitwixxi data personali***

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom jew l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jipprovdu informazzjoni skont il-Kapitoli II u III li tikkostitwixxi *data* personali:

(i) il-kategoriji ta' *data* personali pprovduta jibqgħu limitati għal dawk elenkati fil-punt 2 tat-Taqsima B tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/794;

(ii) il-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom jew l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jipprovdu wkoll, fl-istess ħin u sa fejn ikun possibbli, l-elementi meħtieġa li jippermettu lill-Punt Uniku ta' Kuntatt jew lill-awtorità tal-infurzar tal-liġi tal-Istat Membru l-ieħor jivvalutaw il-grad ta' akkuratezza, kompletezza u affidabbiltà tad-*data* personali, kif ukoll sa liema punt id-*data* personali tkun aġġornata.

*Artikolu 11*

***Lista tal-lingwi***

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata lista b'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni li biha/bihom il-Punt Uniku ta' Kuntatt jista' jipprovdi informazzjoni fuq talba għal informazzjoni jew fuq inizjattiva tiegħu stess. Dik il-lista għandha tinkludi l-Ingliż.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu dawk il-listi, kif ukoll kwalunkwe aġġornament tagħhom, lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dawk il-listi, kif ukoll kwalunkwe aġġornament tagħhom, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 12*

***L-għoti ta' informazzjoni lill-Europol***

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom jew l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jibagħtu talbiet għal informazzjoni, jipprovdu informazzjoni skont tali talbiet, jipprovdu informazzjoni fuq inizjattiva tagħhom stess jew jibagħtu komunikazzjonijiet oħrajn relatati magħhom skont il-Kapitoli II u III, huma jibagħtu wkoll, fl-istess ħin, kopja tagħhom lill-Europol, sa fejn l-informazzjoni li magħha tkun relatata l-komunikazzjoni tkun tikkonċerna reati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi tal-Europol f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794.

*Artikolu 13*

***L-użu tas-SIENA***

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom jew l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jibagħtu talbiet għal informazzjoni, jipprovdu informazzjoni skont tali talbiet, jipprovdu informazzjoni fuq inizjattiva tagħhom stess jew jibagħtu komunikazzjonijiet oħrajn relatati magħhom skont il-Kapitoli II u III jew skont l-Artikolu 12, huma jagħmlu dan permezz tas-SIENA.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom, kif ukoll l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kollha tagħhom li jistgħu jkunu involuti fl-iskambju ta' informazzjoni skont din id-Direttiva, ikunu direttament konnessi mas-SIENA.

## Kapitolu V

## Punt Uniku ta' Kuntatt għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri

### *Artikolu 14*
### ***Stabbiliment, kompiti u kapaċitajiet***

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jaħtar Punt Uniku ta' Kuntatt nazzjonali wieħed, li għandu jkun l-entità ċentrali responsabbli għall-koordinazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni skont din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom jingħata s-setgħa li jwettaq mill-inqas il-kompiti kollha li ġejjin:

   (a) jirċievi u jevalwa t-talbiet għal informazzjoni;

   (b) jgħaddi t-talbiet għal informazzjoni lill-awtorità/awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi nazzjonali xierqa u, fejn meħtieġ, jikkoordinaw bejniethom l-ipproċessar ta' tali talbiet u l-għoti ta' informazzjoni fuq tali talbiet;

   (c) janalizza u jistruttura l-informazzjoni bil-ħsieb li din tiġi pprovduta lill-Punti Uniċi ta' Kuntatt u, fejn applikabbli, lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri oħrajn;

   (d) jipprovdi, fuq talba jew fuq inizjattiva tiegħu stess, informazzjoni lill-Punti Uniċi ta' Kuntatt u, fejn applikabbli, lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri oħrajn f'konformità mal-Artikoli 5 u 7;

   (e) jirrifjuta li jipprovdi informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 6 u, fejn meħtieġ, jitlob kjarifiki f'konformità mal-Artikolu 6(3);

   (f) jibgħat talbiet għal informazzjoni lill-Punti Uniċi ta' Kuntatt ta' Stati Membri oħrajn f'konformità mal-Artikolu 4 u, fejn meħtieġ, jipprovdi kjarifiki f'konformità mal-Artikolu 6(3).

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

   (a) il-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom ikollu aċċess għall-informazzjoni kollha disponibbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom, sa fejn ikun meħtieġ biex iwettaq il-kompiti tiegħu skont din id-Direttiva;

   (b) il-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom iwettaq il-kompiti tiegħu 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa;

   (c) il-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom jiġi pprovdut bil-persunal, ir-riżorsi u l-kapaċitajiet, inkluż għat-traduzzjoni, meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod adegwat u rapidu f'konformità ma' din id-Direttiva u, b'mod partikolari, il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 5(1);

(d) l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti biex jagħtu l-awtorizzazzjonijiet ġudizzjarji meħtieġa skont il-liġi nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 9 ikunu disponibbli għall-Punt Uniku ta' Kuntatt 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa.

4. Fi żmien xahar mill-istabbiliment jew mill-ħatra tal-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw b'dan lill-Kummissjoni. Huma għandhom jaġġornaw dik l-informazzjoni fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dawk in-notifiki, kif ukoll kwalunkwe aġġornament tagħhom, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 15*
***Kompożizzjoni***

1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-organizzazzjoni u l-kompożizzjoni tal-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom b'tali mod li dan ikun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu skont din id-Direttiva b'mod effiċjenti u effettiv.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom ikun magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, li l-involviment tagħhom ikun meħtieġ għall-iskambju adegwat u rapidu ta' informazzjoni skont din id-Direttiva, inklużi mill-inqas dawn li ġejjin sa fejn l-Istat Membru kkonċernat ikun marbut bil-leġiżlazzjoni rilevanti biex jistabbilixxi jew jaħtar tali unitajiet jew uffiċċji:

(a) l-unità nazzjonali tal-Europol stabbilita mill-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2016/794;

(b) l-Uffiċċju SIRENE stabbilit mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[73];

(c) l-unità ta' informazzjoni dwar il-passiġġieri stabbilita skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2016/681;

(d) l-Uffiċċju Ċentrali Nazzjonali (NCB) tal-INTERPOL stabbilit mill-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali – INTERPOL.

*Artikolu 16*
***Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet***

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom ivara u jopera Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet elettronika unika bħala r-repożitorju li jippermetti lill-Punt Uniku ta' Kuntatt iwettaq il-kompiti tiegħu skont din id-

[73] Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56).

Direttiva. Is-Sistema ta’ Ġestjoni tal-Każijiet għandu jkollha mill-inqas il-funzjonijiet u l-kapaċitajiet kollha li ġejjin:

(a) tirreġistra t-talbiet li jidħlu u li joħorġu għall-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 5 u 8, kif ukoll kwalunkwe komunikazzjoni oħra mal-Punti Uniċi ta’ Kuntatt u, fejn applikabbli, mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta’ Stati Membri oħrajn li tirrigwardja tali talbiet, inkluża l-informazzjoni dwar ir-rifjuti u t-talbiet għal u l-għoti tal-kjarifiki msemmija fl-Artikolu 6(2) u (3), rispettivament;

(b) tirreġistra l-komunikazzjonijiet bejn il-Punt Uniku ta’ Kuntatt u l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, skont il-punt (b) tal-Artikolu 15(2);

(c) tirreġistra l-għoti ta’ informazzjoni lill-Punt Uniku ta’ Kuntatt u, fejn applikabbli, lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ta’ Stati Membri oħrajn f’konformità mal-Artikoli 5, 7 u 8;

(d) tagħmel kontroverifika tat-talbiet li jidħlu għall-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 5 u 8, mal-informazzjoni disponibbli għall-Punt Uniku ta’ Kuntatt, inkluża l-informazzjoni pprovduta f’konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(3) u mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(2) u informazzjoni rilevanti oħra rreġistrata fis-Sistema ta’ Ġestjoni tal-Każijiet;

(e) tiżgura segwitu adegwat u rapidu għat-talbiet li jidħlu għall-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4, b’mod partikolari bil-ħsieb li jiġu rrispettati l-limiti ta’ żmien għall-għoti tal-informazzjoni mitluba stabbiliti fl-Artikolu 5;

(f) tkun interoperabbli mas-SIENA, filwaqt li tiżgura b’mod partikolari li l-komunikazzjonijiet li jidħlu permezz tas-SIENA jkunu jistgħu jiġu rreġistrati direttament fis-Sistema ta’ Ġestjoni tal-Każijiet, u li l-komunikazzjonijiet li joħorġu permezz tas-SIENA jkunu jistgħu jintbagħtu direttament minnha;

(g) tiġġenera statistika fir-rigward ta’ skambji ta’ informazzjoni skont din id-Direttiva għall-finijiet ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ, b’mod partikolari għall-fini tal-Artikolu 17;

(h) tirreġistra l-aċċess u attivitajiet ta’ pproċessar oħrajn b’rabta mal-informazzjoni li tinsab fis-Sistema ta’ Ġestjoni tal-Każijiet, għall-finijiet ta’ responsabbiltà u ta’ ċibersigurtà.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-riskji kollha taċ-ċibersigurtà relatati mas-Sistema ta’ Ġestjoni tal-Każijiet, b’mod partikolari fir-rigward tal-arkitettura, il-governanza u l-kontroll tagħha, jiġu ġestiti u indirizzati b’mod prudenti u effettiv u li jiġu previsti salvagwardji adegwati kontra aċċess u abbuż mhux awtorizzati.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe *data* personali pproċessata mill-Punt Uniku ta’ Kuntatt tagħhom tiġi inkluża fis-Sistema ta’ Ġestjoni tal-Każijiet biss sakemm tkun meħtieġa u proporzjonata għall-finijiet li għalihom tiġi pproċessata d-*data* personali u sussegwentement titħassar b’mod irrevokabbli.

## Kapitolu VI

## Dispożizzjonijiet finali

*Artikolu 17*
***Statistika***

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bi statistika dwar l-iskambji ta' informazzjoni ma' Stati Membri oħrajn skont din id-Direttiva, sal-1 ta' Marzu ta' kull sena.

2. L-istatistika għandha tkopri, bħala minimu:

(a) l-għadd ta' talbiet għal informazzjoni sottomessi mill-Punt Uniku ta' Kuntatt tagħhom u mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom;

(b) l-għadd ta' talbiet għal informazzjoni riċevuti u mwieġba mill-Punt Uniku ta' Kuntatt u mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom, diżaggregati skont jekk humiex urġenti jew le, u diżaggregati skont l-Istati Membri l-oħrajn li jirċievu l-informazzjoni;

(c) l-għadd ta' talbiet għal informazzjoni rrifjutati skont l-Artikolu 6, diżaggregati għal kull Stat Membru rikjedenti u għal kull raġuni ta' rifjut;

(d) l-għadd ta' każijiet fejn tkun saret devjazzjoni mil-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 5(1) minħabba li kellha tinkiseb awtorizzazzjoni ġudizzjarja f'konformità mal-Artikolu 5(2), diżaggregati skont l-Istati Membri li jkunu ssottomettew it-talbiet għall-informazzjoni kkonċernata.

*Artikolu 18*
***Rapportar***

1. Il-Kummissjoni għandha, sa *[id-data tad-dħul fis-seħħ + 3 snin]*, tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Il-Kummissjoni għandha, sa *[id-data tad-dħul fis-seħħ + 5 snin]*, tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-effettività u l-effikaċja ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra relatata mat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Abbażi ta' din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-azzjonijiet ta' segwitu xierqa, inkluża, jekk tkun meħtieġa, proposta leġiżlattiva.

*Artikolu 19*
***Emendi għall-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen***

Minn [*id-data msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 21(1)*], il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tiġi emendata kif ġej:

(i) l-Artikolu 39 jiġi sostitwit b'din id-Direttiva sa fejn dak l-artikolu jkun relatat mal-iskambju ta' informazzjoni għall-fini msemmi fl-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva;

(ii) jitħassar l-Artikolu 46.

*Artikolu 20*

***Tħassir***

Id-Deċiżjoni Qafas 2006/960/ĠAI titħassar minn [id-data msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 21(1)].

Ir-referenzi għal dik id-Deċiżjoni Qafas għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għad-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 21*

***Traspożizzjoni***

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa [*id-data tad-dħul fis-seħħ + sentejn (2)*]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn dik id-data. Madankollu, huma għandhom japplikaw l-Artikolu 13 minn [*id-data tad-dħul fis-seħħ + 4 snin*].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-mod kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 22*

***Dħul fis-seħħ***

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 23*

***Destinatarji***

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |